**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 24 ta' Ġunju 2021

Rikors Numru: 246/2017 AL

**A B (KI 132774M)**

**vs**

**L-Avukat Dr Helga Buttigieg Debono u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici b'Digriet tal-1 ta' Diċembru 2017 ġew nominati bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lill-Assenti CDE(KI 319411L)**

**(Numru Progressiv tal-Att taz-Zwieġ: 856/2006)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi li permezz tiegħu ppremettiet:[1]

*Dikjarazzjoni*

[1] Fol. 1.

1. *Illi l-esponenti u l-konvenut izzewgu fid-9 ta' Ġunju 2006 (Dok A) u mir-relazzjoni taghhom kellhom zewg tfal u cioe Jacob Ihebulu li twieled fit-28 ta' Ottubru 2005 (Dok. B) u XYZ li twieldet fil-21 ta' Mejju 2008 (Dok C) u ghalhekk it-tnejn minorenni.*

2. *Illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser b'mod irrimedjabbli minhabba adulterju, abbandun, eccessi, sevizzi u ngurji gravi dapparti tal-konvenut kif ser jgi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

3. *Illi minhabba agir abusiv u vjolenti tal-konvenut kif ukoll minhabba li l-konvenut kien ihalli fil-bzonn lill-esponenti u uliedu, din il-Qorti, fl-istadju tal-medjazzjoni, kienet ordnatlu b'degriet moghti fit-12 ta' April 2017 sabiex jizgombra mill-fond matrimonjali tal-partijiet, cioe il-fond 16B, St. Julian Court, Triq Sur Fons, San Gilan (propjeta parafernali tal-esponenti) u sabiex ihallas lill-esponenti bhala mantniment ghaz-zewg tfal minuri s-somma ta' erba mitt euro (€400) kull erba gimghat oltre nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni (Dok D).*

4. *Illi b'konsegwenza ta' dan id-degriet, il-konvenut ma resaqx iktar lejn id-dar matrimonjali izda wara ftit siefer u sallum l-esponenti m'ghandhiex hjiel fejn qieghed ghalkemm tissuspetta li qieghed f'pajjizu n-Nigeria f'relazzjoni adultera aperta ma mara Nigerjana li maghha ilu f'relazzjoni ghal snin twal anke meta din giet Malta bl-ghajnuna tal-konvenut sabiex taparsi tistudja hawn. Qabel din il-mara l-konvenut kien anke f'relazzjoni adultera ma mara ohra.*

5. *Illi inoltre, l-konvenut njora ghal kollox id-degriet fuq imsemmi dwar il-hlas ta' manteniment u qatt ma vversa xi flus tant li l-esponenti giet kostretta taghmel is-solita kwerela lil-pulizija f'Lulju 2017 (Dok E) u l-proceduri kriminali ghadhom pendenti bid-diffikulta pero li ma jistghux jibdew sakemm il-konvenut ma jirritornax Malta. Ovvjament anke wara l-kwerela, il-konvenut baqa ma hallas ebda manteniment sallum.*

6. *Illi l-esponenti dejjem baqghet tiehu hsieb wahidha it-trobbija ta' ulied il-partijiet u fid-dawl tan-nuqqas assolut ta' nteress u affidabilita` tal-konvenut, thoss li ghandha tinghata l-kura u kustodja legali esklussiva tal-imsemmija tfal.*

7. *Illi ghalhekk jehtieg ukoll li jigi ffissat manteniment xieraq li zewgha jkun ordnat ihallas lilha minhabba l-imsemmija tfal minuri.*

8. *Illi l-esponenti tirritjeni li, minkejja li bhalissa ghanda mezzi bizzejjed biex tmantni lilha nnifisha, id-dritt li tesigi manteniment minghand zewgha, f'kaz ta bdil fic-cirkostanzi, ghandu jibqa mittiefes.*

9. *Illi kif gja inghad, id-dar matrimonjali hija parafernali tal-esponenti u l-pagamenti tas-self bankarju thallas in parti minn flus donati lill-esponenti minn ommha u in parti minn flus maghmula bil-hidma tal-istess esponenti u ghalhekk, stante it-tortijiet imputabbli lill-konvenut, huwa ma ghandu ebda dritt jirreklama xi kreditu fuq dawk il-pagamenti li saru minhabba l-imsemmija dar matrimonjali.*

10. *Illi l-esponenti qed titlob ukoll li l-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-partijiet tigi xjolta u likwidata flimkien mal-beni parafernali u beni ohra mizmuma in komun. F'dan il-kuntest jigi rilevat li waqt iz-zwieg il-partijiet xtraw propjeta fin-Nigeria f'isem il-konvenut li ghandha titqies li tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Rigward djun l-esponenti taf li zewgha kkontratta dejn ma missierha sallum mhux imhallas u jidher li jista ghandu xi djun ohra kollha minhabba n-negozji tieghu, dwar liema negozji l-esponenti qatt ma kienet tkun taf x'inhu ghaddej u ghalhekk hija ssostni li kwalsiasi djun rimanenti kuntrattati minn zewgha ghandhom jibqu r-responsabbilita esklussiva tieghu.*

11. *Illi l-esponenti tirrileva wkoll li tippossjedi garage f'San Giljan li minkejja li huwa propjeta parafernali taghha, ic-cwievet tieghu qeghdin f'isejn il-konvenut.*

12. *Illi l-esponenti wkoll tirritjeni li zewgha ghandu jitqies li ddekada mid-drittijiet kontemplati fil-ligi nklus dak li jircievi manteniment minghand l-esponenti.*

*Raguni tat-Talba*

1. *Peress illi l-partijiet izzewgu fid-9 ta' Gunju 2006 (Dok A) u mir-relazzjoni taghhom kellhom zewg tfal u cioe Jacob Ihebulu li twieled fit-28 ta' Ottubru 2005 (Dok B) u XYZ li twieldet fil-21 ta' Mejju 2008 (Dok C) u ghalhekk ghadho it-tnejn minorenni.*

2. *Peress illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser b'mod irremedjabbli minhabba adulterju, abbandun, eccessi, sevizzi, swat u ngurji gravi dapparti tal-konvenut.*

3. *Peress illi l-attrici, anke fl-ahjar interess tat-tfal minuri, ghandha tigi fdata bil-kura u kustodja legali taghhom.*

4. *Peress illi l-konvenut ghandu ghalhekk jigi ordnat ihallas lill-attrici manteniment xieraq minhabba l-imsemmija tfal minuri.*

5. *Peress illi l-attrici, minkejja li bhalissa ghandha mezzi bizzejjed biex tmantni lilha nnifisha, ghandu jibqala d-dritt li tesigi manteniment mnghand zewgha, f'kaz ta' bdil fi-cirkostanzi.*

6. *Peress illi l-attrici tixtieq li l-komunjoni tal-akkwisti tigi xjolta u likwidata flimkien mal-beni l-ohra mizmuma in komun.*

7. *Peress li l-attrici tirritjeni li l-konvenut ghandu jigi dikjarat li ddekada mid-drittijiet kontemplati fl-artikolu 48 (1)(a), (b), (c), u (d) tal-Kodici Civili.*

8. *Peress lli fir-rigward tad-dar matrimonjali, stante li din hija parafernali tal-attrici, il-konvenut ghandu jigi ordnat jizgombra minnha definittivament fi zmien qasir u perentorju li jigu lilu ffissat.*

9. *Peress illi l-attrici tixtieq li l-krediti parafernali taghha kontra l-komunjoni tal-akkwisti u kontra l-konvenut jigu kwantifikati u lilha restitwiti flimkien mal-beni dotali/parafernali taghha.*

10. *Peress illi l-attrici tinsab debitament awtorizzata tipprocedi bl-istanza odjerna kif jirrisulta mid-degrieti hawn annessi u mmarkati Dok F u G.*

*Talbiet*

*Illi jgħid għalhekk il-konvenut ghaliex m'għandiex din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba r-ragunijiet fuq imsemmija mputabbli unikament lill-konvenut.*

2. *Tafda l-kura u kustodja legali tat-tfal Jacob u Cristina Sue ahwa Ihebulu f'idejn l-attrici.*

3. *Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici manteniment xieraq ghat-tfal minuri fuq imsemmija bil-modalita' ta' gurnata, lok u hin li jigu wkoll iffissati u bl-applikazzjoni ta zidiet fit-termini tal-artikolu 54(4) tal-Kodici Civili jew bl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet kontemplati fl-artikolu 54 (5) u (8) tal-Kodiċi Ċivili tenut kont li mhux affidabbli li l-konvenut jibqa jirrisjedi f'Malta.*

4. *Tiddikjara li l-attrici jibqala d-dritt li tesigi manteniment minghand il-konvenut kemm il-darba hija ma jkollhiex mezzi bizzejjed sabiex tmantni lilha nnifisha.*

5. *Tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-dritt li jircievi manteniment minghand l-attrici.*

6. *Tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-drittijiet kontemplati fl-artikolu 48(1)(a), (b) u (c) tal-Kodici Civili,*

6. *Tiddikjara xjolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-partijiet.*

7. *Tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti flimkien ma beni ohra mizmuma in komun billi taqsamha f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati lil kull wiehed u wahda mill-kontendenti bl-applikazzjoni tal-artikoli 48(1) (c) u 51 tal-Kodici Civili kontra l-konvenutu skond ma din il-Qorti tkun ipprovdiet dwar it-tielet talba attric fir-rigward ta' somma globali ghal manteniment fit-termini tal-artikolu 54(8) tal-Kodici Civili.*

8. *Tordna lil konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju jizgombra definittivament mid-dar matrimonjali tal-partijiet, cioe il-fond numru 16B, St. Julian Court, Triq Sur Fons, San Giljan.*

9. *Tordna lil-konvenut jizgombra fi zmien qasir u perentorju mill-garage LB1, Lowndes Park, Triq Alfred Gauci, San Giljan, propjeta parafernali tal-attrici.*

10. *Tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attrici kwalsiasi krediti parafernali taghha kif ukoll kwalsiasi beni dotali/parafernali taghha jew dik is-somma li tigi likwidata bhala rapprezentanti l-valur tal-istess beni.*

11. *Tikkundanna lill-konvenut sabiex jirritorna lill-attrici l-beni partikolari dotali u parafernali taghha jew dik is-somma li tigi likwidata bhala rapprezentanti l-valur tal-istess beni.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat ir-rikors tal-attriċi tat-13 ta' Novembru 2017 fejn talbet in-nomina ta' kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Alloysius Azubuike Ihebulu,[2] u in vista tal-fatt li ma deher ħadd sabiex jaċċetta l-kurazija, permezz ta' digriet tal-1 ta' Diċembru 2017, il-Qorti nnominat lill-Avukat Dr Helga Buttigieg Debono u lill-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici bħala kuraturi għall-finijiet kollha tal-liġi;[3]

Rat l-ittra datata 5 ta' Frar 2018 mibgħuta f'isem l-attriċi lill-Avukat Dr Helga Buttigieg Debono bħala l-kuratriċi tal-konvenut assenti, fejn ġiet mgħotija l-indirizz tal-assenti ġewwa n-Niġerja;[4]

Rat illi għalkemm il-kuraturi deputati ġew debitament notifikati bl-atti tal-kawza,[5] dawn baqgħu ma pprezentawx risposta maħlufa skont Artikolu 158 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tant illi fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2018 il-kuraturi

[2] Fol. 24.
[3] Fol. 21.
[4] Fol. 53.
[5] Fol. 49, 51.

deputati in rapprezentanza tal-assenti ġew dikjarati bhala li jinsabu fi stat ta' kontumaċi;[6]

Rat ir-rikors tal-Avukat Dr Helga Buttigieg datat 14 ta' Marzu 2018, fejn ittentat tiġġustifika r-raġuni għaliex ma ġietx ipprezentata r-risposta ġuramentata entro l-għoxrin (20) jum kif stabbilit fil-liġi proċedurali nostrana u talbet l-awtorizzazzjoni sabiex tipprezenta r-risposta maħlufa. Permezz ta' digriet datat 15 ta' Marzu 2018, il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti sabiex din tirrispondi entro ħamest (5) ijiem utli. Madanakollu, mill-atti ma jirrizultax illi in-notifika saret, u b'hekk tali rikors qatt ma ġie ttrattat u deċiz minn din il-Qorti. Għaldaqstant, il-konvenut assenti kif rapprezentat mill-kuraturi deputati baqa' fi stat ta' kontmaċja;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat l-affidavit tal-attriċi;[7]

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistenti Ġudizzjarji Dr Greta Mifsud Agius u Dr Maria Dolores Gauci, ix-xhieda li ddeponew quddiemhom u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat il-verbal tal-udjenza ta' nhar il-25 ta' Frar 2021, fejn il-Qorti awtorizzat lill-attriċi sabiex tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet, liema fakolta' ingħatat ukoll lill-konvenut kontumaċi u dan abbazi tal-Artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;[8]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.[9]

Ikkunsidrat;

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

---

[6] Fol. 54.
[7] Fol. 984.
[8] Fol. 1052.
[9] *Ibid.*

## 1. L-Azzjoni Odjerna:

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti tiddikjara li CDEħati għat-tifrik taz-zwieġ tagħhom u dan għar-ragunijiet kontemplati fl-Artikolu 38, 40 u 41 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Magħdud ma' dan l-attriċi titlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali. Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tal-istess, l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara lill-konvenut ħati għat-tifrik taz-zwieġ;

2. Tapplika kontra l-konvenut d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili, filwaqt li tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jipperċepixxi manteniment minn għand l-attriċi;

3. Tordna li l-kura u kustodja tal-minuri tgħaddi esklussivament f'idejn l-attriċi, filwaqt li l-konvenut jiġi ordnat iħallas manteniment adegwat għall-istess minuri;

4. Tiddikjara li l-attriċi għandha d-dritt li titlob manteniment minngħand il-konvenut f'kaz ta' tibdil fiċ-ċirkostanzi;

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u konsegwntament tillikwida u tassenja ukoll l-assi u krediti parafernali lill-attriċi;

6. Tordna lill-konvenut jizgombra mid-dar matrimonjali bl-indirizz *"16B, St. Julian Court, Triq Sur Fons, San Ġiljan"* u kif ukoll mill-garaxx bl-indirizz *"LB1, Lowndes Park, Triq Alfred Gauci, San Ġiljan"*.

## 2. Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' għat-Tkissir taz-Zwieġ:

*Il-Verzjoni tal-Attriċi u l-Allegati Tortijiet tal-Konvenut:*

Fl-affidavit tagħha l-attriċi tirrileva illi ltaqgħat mal-konvenut fit-8 ta' April 2004 ġo diskoteka ġewwa Buġibba u wara ftit xhur jiffrekwentaw lil xulxin, iddeċidew illi jkunu f'relazzjoni stabbli flimkien bl-intiza li jizzewġu. Konsegwentament, fi Frar 2005, l-attriċi ħarġet tqila bl-ewwel wild tagħhom, Jacob, li twieled nhar il-25 ta' Ottubru 2005. Fil-perjodu li l-attriċi ħarġet tqila, din tikkontendi li l-konvenut kien *footballer* mat-tim tal-Qala Għawdex, filwaqt li l-attriċi kellha impjeg fuq bazi *full-time* mal-Forestals u impjieg ieħor fuq bazi *part-time* ma' ristorant ġewwa San Ġiljan. Madanakollu f'tali perjodu, l-attriċi tgħid li baqgħat tgħix ma' ommha filwaqt li l-konvenut baqa' jgħix ġo appartament mikri lilu ġewwa Buġibba. Nelfrattemp, jingħad illi l-konvenut beda kors biex isir *private guard*, tant li ġab il-liċenzja in kwistjoni u beda jaħdem f'dan is-settur.

L-attriċi tispjega li fil-bidu tas-sena 2006, il-partijiet iddeċidew li jizzewġu. Fil-fatt huma zzewġu nhar id-9 ta' Ġunju 2006 u marru jgħixu flimkien fl-appartament bl-indirizz *"16B, St Julians Court, Triq Sur Fons, San Ġiljan"*. Fl-affidavit, l-attriċi tgħid illi dan l-appartament li beda jservi bħala d-dar matrimonjali tal-partijiet, kien proprjeta' parafernali tagħha, hekk kif tali fond inxtara minnha stess nhar l-14 ta' Awwissu 2003 versu l-prezz ta' Lm31,500 permezz ta' self mill-Bank of Valletta plc ta' Lm29,650. Tgħid ukoll illi l-flus biex dan l-appartament ġie rranġat, mibdul u *refurbished* kienu flus parafernali tagħha u oħrajn mogħtija lilha mill-ġenituri tagħha.

Fl-affidavit tal-attriċi jiġi spjegat illi l-problemi ta' bejniethom mill-ewwel bdew hekk kif l-attriċi kienet tiċċekja *t-time sheets* tax-xogħol tal-konvenut sabiex taċċerta ruħha li kien qiegħed jitħallas kif suppost, izda minn dawn it-*time sheets* tallega li bdiet tara illi *"meta suppost huwa kien ikun xogħol huwa fil-fatt kien qed imur x'imkien iehor"*.[10] L-attriċi ssemmi episodju partikolari li seħħ wara li l-attriċi ħarġet tqila bit-tieni wild tal-partijiet, fejn waqt stedina ta' ikla għand ħabiba tal-attriċi, il-konvenut qabad u telaq kmieni għaliex qal li kellu *shift* tax-xogħol għand il-Continental Cars il-Gzira. L-attriċi tispjega li hi baqgħat għand il-ħabiba tagħha, izda kif waslet id-dar, ċemplet lill-konvenut fuq iċ-ċellulari tiegħu sabiex tinfurmah li waslet id-dar, fejn *"hu l-mobile ma rrispondihx pero f'hin minnhom milli jidher bi zball, dan il-mobile gie on u jien bdejt nisma muzika u kliem u dahk"*. L-attriċi telqet Paceville u bdiet tidħol fi *clubs* sabiex tipprova ssib lill-konvenut izda ma rnexxiliex issibu. Hi u sejra lura d-dar, tgħid li lemħet il-karozza tal-konvenut ħierġa minn ġo Paceville u fil-fatt hekk kif walset lura d-

[10] Fol. 985.

dar sabet lill-konvenut diġa' hemmhekk. Hekk kif ikkonfrontat lill-konvenut, dan tal-aħħar allegatament ġab skuza illi kien ċempillu ħabib tiegħu għal xi flus u mar jiġbed il-flus sabiex jagħtihomlu ġewwa Paceville, izda dan ma ġiex ikkrrabborat minn *statement* bankarju. B'hekk l-attriċi tgħid li *"bdejt nifhem il-ghaliex kien qed ikun hemm diskrepanza fis-sieghat li hu suppost kien ikun xoghol u fis-sieghat li fl-fatt kienu qeghdin ihallsuh taghhom"*.[11]

Magħdud mal-premess, l-attriċi tgħid illi kien hemm zewġ istanzi oħra fejn il-konvenut suppost kien qiegħed jieħu ħsieb lit-tfal sakemm l-attriċi kienet tkun xogħol, izda minnflok kien ħalla lit-tfal fil-*play area* tal-Meridien mingħajr ikel u xorb. Meta l-attriċi ppruvat tikseb spjegazzjoni għal dan l-aġir, hi tgħid li l-konvenut *"ghandu karattru arroganti u rrifjuta li jtini spjegazzjoni hlief li qalli illi hu ma kien ghamel xejn hazin izda kien sempliciment hallihom hemmhekk"*.[12] Barra minn hekk, l-attriċi tgħid ukoll illi *"din illi hu ma jwegibx il-mobile kienet ukoll karatteristika tieghu li meta joggbu hu jirrispondieh u meta ma joghogbux kont incempillu u ma jirrispondinix"*.[13]

Episodju partikolari ieħor li ssemmi l-attriċi kien meta nhar il-31 ta' Lulju 2010, l-attriċi kienet qiegħda bit-tfal ġewwa Balluta Square, u resaq lejhom persuna ta' nazzjonalita' barranija jkellem lit-tfal, li dawn dehru jafuh bħala l-ħabib ta' missierhom. Tispjega li wara kien ġie fuqhom raġel ieħor, li kien ta' nazzjonalita' Niġerjana, fejn staqsa lill-attriċi jekk kienetx il-mara tal-konvenut, fejn din wieġbet fl-affermattiv. Wara dan, l-attriċi tgħid li rat lil dan ir-raġel iċempel bil-*mobile* fejn semgħatu jgħid *"jien qed inħares lejn il-mara tieghek"* u *"hallejtni lampa stampa"*.[14] Jumejn wara, waqt li l-konvenut kien mar għax-xogħol filgħaxija, l-attriċi tispjega li kienet daqqet il-qanpiena tal-bieb ta' barra, fejn kien ħabbat persuna ta' sess maskili b'karnaġġjon skur, fejn qal lill-attriċi sabiex tgħaddi messaġġ lill-zewġha *"illi ried il-pakkett jew għoxrin elf euro (€20,000)"*. L-attriċi tispjega illi ċemplet lil zewġha u dan dlonk irritorna lura d-dar flimkien mal-Pulizija, fejn sussegwentament għamlu rapport mal-Pulizija. Wara li rritornaw lura d-dar mill-Għassa tal-Pulizija, il-konvenut irċieva messaġġ fuq iċ-ċellulari tiegħu li allegatament kien jgħid *"want my money dead or alive"*.

[11] Fol. 985.
[12] Fol. 986.
[13] *Ibid.*
[14] *Ibid.*

Fis-sena 2010 l-konvenut qal lill-attriċi illi kuġinuh Edward Oscar kien qiegħed jgħix Freiburg, belt viċin l-Isvizzera. Għaldaqstant, l-attriċi tispjega illi l-konvenut beda jsiefer ta' spiss lejn Freiburg, in vista tal-fatt li l-konvenut beda negozju li jfittex karozzi *second hand,* jixtrihom u jesportahom lejn in-Niġerja. Il-konvenut kien konsegwentament imur in-Niġerja u jittenta jagħmel il-flus minn hemm permezz ta' bejgħ ta' dawn il-vetturi. L-attriċi tispjega illi f'Awwissu 2010, wara waħda mis-safriet tiegħu l-Isvizzera, din sabet *private message* fuq il-pjattaforma soċjali Facebook tal-konvenut, mibgħut minn ċertu Beatrice Losano Bello. L-attriċi rrispondiet lura lil din Beatrice Losano Bello, u skopriet illi *"hi wegbitni illi l-gimgha ta' qabel kienet iltaqgħet ma habib specjali meta kienet l-Isvizzera; qaltli li dan kien Nigerjan u li kien jghix Malta u li jilghab il-football u peress li jien ghedtilha li dak kien zewgi, hi qaltli li allura hi qed thoss li hu kien gidbilha".*[15] L-attriċi tgħid illi meta rrinfaċċjat lil zewġha dwar dan kollu, dan beda jinnega li kien hemm xi haga hazina u beda jsostni li kien iltaqa' ma' Beatrice Losano Bello f'fiera ġewwa l-Isvizzera u ma kien hemm xejn bejniethom. Tgħid ukoll li ftit ġranet wara l-konvenut ippakja l-bagalji u telaq.

L-attriċi damet ma tisma' minn għandu, għalkemm kienu zammu ftit tal-kuntatt, u b'hekk l-attriċi bdiet il-proċeduri għal separazzjoni. Hekk kif il-konvenut sar jaf bil-proċeduri ta' medjazzjoni, l-attriċi tgħid illi zewġha ried jirranġa l-affarijiet ta' bejniethom u b'hekk l-attriċi tat lill-konvenut ċans ieħor. Għajr għall-inċident wieħed ma' missier l-attriċi, fejn il-konvenut ttella' l-Qorti u weħel erba' xhur ħabs sospizi għal sentejn, l-attriċi tgħid li s-sitwazzjoni kkwitat. Fl-2011, il-konvenut akkwista ċ-ċittadinanza Maltija u b'hekk beda jmexxi n-negozju tiegħu tal-esportar tal-vetturi ġewwa n-Niġerja minn Malta stess u b'hekk fil-fehma tal-attriċi, il-konvenut kellu kull skuza sabiex jmur n-Niġerja. Madanakollu, l-attriċi tispjega illi minn fost l-*emails* li kellu l-konvenut, sabet *statement* bankarju ta' kont ġewwa Lagos in-Niġerja, fejn jidher illi l-konvenut ttrasferixxa s-somma ta' 20,000 naira (ekwivalenti għal €120) lil ċertu Jessica Ogharanka. L-attriċi għal darb' oħra affrontat lil zewġha, u hu spjegalha illi din kienet mara li taħdem il-bank u kellu jagħtiha xi *commission* talli taqliblu l-flus minn naira għall-ewro. Izda l-attriċi tgħid li ma emmnitx l-verzjoni tal-konvenut u b'hekk marret tfittex lil din il-mara fuq il-midja soċjali, u dlonk sabet profil tagħha fuq il-pjattaforma soċjali Facebook fejn f'ritratt minnhom din Jessica kienet qiegħda tippoza ġol-kamra tal-banju tad-dar li l-partijiet għandhom ġewwa n-Niġerja, u f'zewġt ritratti

[15] Fol. 987.

oħra l-istess Jessica kienet allegatament libsa brazzuletta identika għal dik li kellha l-attriċi.

L-attriċi kompliet tikkonferma dawn id-dubji tagħha, hekk kif darba minnhom il-konvenut mar in-Niġerja b'ċellulari tal-attriċi, liema ċellulari dak iz-zmien l-attriċi ma kienetx qiegħda tuza. Meta l-konvenut irritorna lura Malta, l-attriċi ħadet lura fil-pussess tagħha l-imsemmi ċellulari u rat numru ta' messaġġi li l-konvenut nesa jħassar, fosthom messaġġi lil tlett (3) nisa different, fosthom lil Jessica Ogharanka. B'hekk, l-attriċi darba minnhom, qabdet u ċemplet lil din Jessica Ogharanka, fejn din tal-aħħar ikkonfermat li kienet taf min hi l-attriċi u isem it-tfal tal-partijiet. Barra minn hekk, l-attriċi tgħid li baqgħat tfittex sabiex tiskopri ezattament x'kien qed jiġri meta zewġha jmur in-Niġerja. L-attriċi tispjega li zewġha kellu profil soċjali fuq Facebook u Instagram bl-isem ta' *'Zubimaterial Material'*, fejn ddikjara lilu nnifsu bħala persuna *single*. Minn dan il-profil ikkrejat mill-konvenut, jidher li l-imsemmi konvenut kien jikteb diversi kummenti fuq ritratti ta' Jessica Ogharanka. Magħdud ma' dan, l-attriċi tispjega ukoll illi meta l-konvenut kien jirritorna lura Malta kienet tfittixlu fil-bagalja, u kienet sabet numru ta' *statements* bankarji tal-kumpanija Trihills Investment Limited, li jistabbilixxu numru ta' trasferimenti bankarji mħallsa lil Jessica Ogharanka. Din il-kumpanija, flimkien mal-kumpanija oħra bl-isem Trihills Technical and Trading Limited, ġew reġistrati fin-Niġerja fl-2015 mill-konvenut.

Fl-2016 l-attriċi skopriet illi l-konvenut ipprova jġib lil Jessica Ogharanka tgħix Malta u biex jagħmel dan, huwa applika għan-nom ta' Jessica ma' skola ġewwa Malta, senjatament EIE Institute of Education, fejn kellha tistudja kors ta' Business Studies. B'hekk il-konvenut applika għall-*visa* għal Jessica Ogharanka sabiex tkun tista' tgħix Malta waqt li tkun qiegħda tistudja. Fil-fatt l-attriċi tgħid illi minn fost karti oħra, l-attriċi sabet dokument fejn kien hemm l-applikazzjoni għall-*visa*. Minkejja li l-attriċi tispjega li nfurmat lill-Pulizija sabiex ma jagħtux il-*visa* lil din Jessica Ogharanka, l-attriċi skopriet illi fil-bidu tas-sena 2017, Jessica Ogharanka kienet tinsab Malta għalkemm ma kienetx qiegħda tgħix fid-dar tal-partijiet, hekk kif iddikjarat mal-awtoritajiet Maltin. Matul dan il-perjodu l-attriċi tgħid li zewġha ta' spiss ma kienx jorqod id-dar, u fit-23 ta' Jannar 2017 kienet fetħet il-proċeduri għall-separazzjoni. Fl-24 ta' Marzu 2017 l-attriċi tgħid li kellha tipprezenta rikors urġenti minħabba: (i) l-attitudni vjolenti ta' zewġha, (ii) suspett li zewġha kien qed iħawwad bid-drogi u li kien inqabad bid-drogi mill-Pulizija, u kien ittiehed xi ġranet ġol-Isptar Monte Carmeli, (iii) aġir abbuziv ta'

zewġha li kien jipprova jkollu relazzjonijiet intimi magħha kontra l-volonta' tagħha stess, u (iv) zewġha kien ilu ma jħallas manteniment għat-tfal sa minn Diċembru 2016. Fil-fatt b'digriet datat 12 ta' April 2017, il-Qorti ordnat lill-konvenut jizgombra mid-dar matrimonjali, filwaqt li ordnatlu jħallas is-somma ta' €400 kull erba' (4) ġimgħat bħala manteniment għat-tfal. Wara dan id-digriet, il-konvenut telaq mid-dar matrimonjali.

L-attriċi tispjega illi bejn zewġha u Jessica Ogharanka kien hemm ċeremonja ta' għerusija fit-23 ta' Ottubru 2016 u fis-7 ta' Ġunju 2017 l-attriċi sabet avviz fid-*Daily Times of Nigeria* fejn l-imsemmija Jessica Ogharanka ddikjarat li xtaqet li tkun magħrufa bħala Jessica Nnene Ihebulu, ċjoe' kunjom zewġha. Fil-fatt minn fuq il-midja soċjali, l-attriċi skopriet illi l-konvenut izzeweġ lil Jessica Ogharanka ġewwa n-Niġerja fl-2017.

Sabiex tissostanzja l-verzjoni tagħha, l-attriċi tezebixxi:

i. Ix-xhieda ta' missierha, l-Maġistrat Irtirat Dennis B;[16]

ii. Ix-xhieda tar-rapprezentant tal-Pulizija, fejn ġew ezebiti ħdax-il (11) rapport magħmula kemm mill-konvenut,[17] ħames (5) rapporti magħmula mill-attriċi,[18] u l-fedina penali tal-konvenut;[19]

iii. Ix-xhieda ta' Antonello Cappitta bħala Chief Executive Officer ta' EIE Institute of Education Malta;[20]

---

[16] Fol. 1054.

[17] Rapporti: (i) tas-7 ta' Marzu 2016 kontra Henry Ezealo Ekezie fejn ġie mhedded li jinqatel, a fol. 727, (ii) tal-21 ta' April 2015 fejn rrapporta li tile fil-*wallet*, a fol. 730, (iii) tas-7 ta' Mejju 2015 kontra Vera Okoro fejn rrapporta li gie mhedded, a fol. 734, (iv) tat-22 ta' Settembru 2011 fejn irraporta li tile fil-passaport, a fol. 747, (v) tal-10 ta' Frar 2008 fejn irrapporta li sab danni fuq il-vettura tiegħu, a fol. 749, (vi) tad-9 ta' Ġunju 2008 fejn irrapporta li sab danni fuq il-vettura tiegħu, a fol. 752, (vii) tad-9 ta' Awwissu 2008 fejn irrapporta danni fuq il-vettura tiegħu, a fol. 754, (viii) tal-1 ta' April 2017 kontra Henry Ezealo Ekezie fejn ġie mhedded, a fol. 757, (ix) tal-4 ta' Awwissu 2010 fejn flimkien mal-attriċi rraporta li kien hemm persuna li tathom fastidju, a fol. 760.

[18] Rapport: (i) tas-27 ta' Lulju 2017 kontra zewġha minħabba manteniment, a fol. 764, (ii) tat-22 ta' Marzu 2017 kontra zewġha ma onerax il-ftehim informali ta' bejnithom, a fol. 767, (iii) tat-12 ta' Marzu 2017 kontra zewġha minħabba argument li kellhom bejniethom u allegatament imbuttaha u waddab iċ-ċellulari tagħha ukoll, a fol. 770, (iv) tal-20 ta' Frar 2017 kontra zewġha minħabba argument dwar it-tfal tagħhm, a fol. 774, (v) tad-9 ta' Frar 2017 kontra zewġha minħabba li kienet bezgħana li zewha kien ser iweġġa' lilha u lill-uliedha, a fol. 777.

[19] Fol. 959.

[20] Fol. 869.

iv. Ix-xhieda ta' rapprezentant tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza fi ħdan Identity Malta, fejn ġew ezebiti numru ta' dokumenti dwar Jessica Nnene Ogharanka u r-residenza temporanja tagħha ġewwa Malta;[21]

v. Kuntratt tal-akkwist tal-proprjeta' parafernali bl-indirizz *'16B, St Julians Court, Triq Sur Fons, San Ġiljan'* mill-attriċi datat 14 ta' Awwissu 2003;[22]

vi. Iċ-*chat-log* bejn l-attriċi u Beatriz Lozano Belio, dwar l-inkontru bejn Beatriz u l-konvenut, fejn ġew mibgħuta numru ta' ritratti li jikkonfermaw tali inkontru;[23]

vii. *Statement* bankarju ta' kont bankarju tal-konvenut ġewwa n-Niġerja, fejn jidher illi nhar l-4 ta' Diċembru 2013, il-konvenut għadda is-somma ta' 20,000 Naira lil Jessica Ogharanka;[24]

viii. Numru ta' ritratti ta' Jessica Ogharanka, ppublikati fuq Facebook nhar it-22 ta' Settembru 2012, id-19 ta' Diċembru 2012, u t-13 ta' Ġunju 2013;[25]

ix. Kopja tal-profil soċjali fuq il-pjattaforma Facebook tal-konvenut taħt l-isem ta' *'Zubimaterial Material'* fejn iddikjara li hu persuna *single*;[26]

---

[21] Id-dokumenti ezebiti huma: (i) Landlord Agreement datat 28 ta' Diċembru 2016 għal tnax-il (12) xahar sakemm tlesti l-istudji tagħha ġewwa Malta u li kellha tirrisjedi fid-dar matrimonjali tal-partijiet, a fol. 786, (ii) Rental Declaration Form datata 10 ta' Jannar 2017, a fol. 787, (iii) Bank Statement datata 2 ta' Jannar 2017 tal-*isponsor* ta' Jessica Nnene Ogharanka u ċjoe' tal-konvenut, a fol. 788, (iv) Bank Statement tal-konvenut, a fol. 789, (v) Kopja tal-Karta tal-Identita' tal-knvenut u l-attriċi, a fol. 796, (v) Refusal for Ressidence Permit ta' Jessica Nnene Ogharanka datat 9 ta' Mejju 2017, a fol. 797, (vi) Email datata 4 ta' Mejju 2017 mibgħuta minn EIE Institute of Education lid-Dipartiment taċ-Ċittadinanza fejn infurmawhom li Jessica Nnene Ogharanka telqet minn Malta u li ma għadhiex iktar stdenta tagħhom, a fol. 798, (vii) Application for Residence in Malta ta' Jessica Nnene Ogharanka datata 12 ta' Jannar 2017, a fol. 799, (viii) Lista ta' dokumenti li ġew annessi mal-applikazzjoni, a fol. 800, (ix) Application to Renew Permit, a fol. 801, (x) Kopja tal-formola 101A Identity Registration Form datata 11 ta' Jannar 2017, a fol. 802, (xi) Applikazzjoni għal Residence Permit datata 11 ta' Jannar 2017, a fol. 804, (xii) Kopja tal-Passaport Niġerjan ta' Jessica Nnene Ogharaka, a fol. 808, (xiii) Ittra mil-Iskola datata 11 ta' Jannar 2017 li Jessica Nnene Ogharanka ser tibda l-istudji tagħha fil-Business Studies, a fol. 841, (xiv) Health Policy minn Gasan Mamo fuq il-ħajja Jessica Nnene Ogharanka, a fol. 842, (xv) Bank Statement ta' Jessica Nnene Ogharanka minn Niġerja, a fol. 843, (xvi) Dokument dwar il-currency converter, a fol. 850.

[22] Fol. 994.

[23] Fol. 1003.

[24] Fol. 1006.

[25] Fol. 1007 – 1009.

[26] Fol. 1010 – 1011.

x. Ritratt ta' Jessica Ogharanka fuq il-pjattaforma Instagram, fejn il-konvenut bl-isem ta' *'Zubimaterial'* ikkumenta: *"Oh nice one"*,[27] *"Lovely girl",*[28] *"u r my little angel",*[29] *"cute"*;[30]

xi. *Statement* bankarju tal-kont tal-kumpanija Trihills Investment Ltd ġewwa n-Niġerja, fejn jidher li l-konvenut għadda xi flus lil Jessica Ogharanka fl-2015, u kif ukoll lil ċertu Kelvin Ogharanka;[31]

xii. Dokument li juri li l-kumpanija bl-isem Trihills Technical and Trading Limited bin-numru ta' reġistrazzjoni 1250814 ġiet reġistrata nhar it-23 ta' Marzu 2015, filwaqt li l-kumpanija bl-isem Trihills Investment Ltd bin-numru ta' reġistrazzjoni 1296615 ġiet reġistrata nhar it-2 ta' Novembru 2015;[32]

xiii. Ittra datata 28 ta' Marzu 2016 iffirmata minn Antonello Cappitta bħala *Chief Executive Officer* ta' EIE Institute of Education, li tikkonferma li Jessica Nnene Ogharanka ser tibda kors ta' studju f'*Business Studies*;[33]

xiv. Email datat 9 ta' Awwissu 2016, mibgħut mill-attriċi lil Anna Maria Micallef, fejn tinfurmaha li Jessica Ogharanka ma kienetx ser tistudja ġewwa Malta u b'hekk ma kellhiex tingħatalha l-*visa*;[34]

xv. Kopja ta' ittra datata 9 ta' Mejju 2017 mibgħuta minn Idenity Malta lil Jessica Nnene Ogharanka fl-indirizz tad-dar matrimonjali tal-partijiet, fejn ġiet infurmata illi l-applikazzjoni tagħha għal *residence permit* ġiet rifjutata;[35]

xvi. Kopja tad-*Daily Times of Nigeria* tas-7 ta' Ġunju 2017, fejn Jessica Nnene Ihebulu, avzat illi *"I formerly known and address as Ogharanka Jessica*

[27] Fol. 1012.
[28] Fol. 1013.
[29] *Ibid.*
[30] *Ibid.*
[31] Fol. 1015 – 1017.
[32] Fol. 1018.
[33] Fol. 1020.
[34] Fol. 1021.
[35] Fol. 1022.

*Nnene now wish to be known as Ihebulu Jessica Nnene. All former documents remain valid. Genera public take note";*[36]

xvii. Ritratti mit-*Traditional Introduction* bejn Jessica Nnene Ogharanka u l-konvenut ġewwa n-Niġerja;[37]

xviii. Ritratti miċ-ċerimonja taz-zwieġ bejn Jessica Nnene Ogharanka u l-konvenut ġewwa n-Niġerja.[38]

*Verzjoni tal-Konvenut u l-Allegati Tortijiet tal-Attriċi:*

Il-Qorti tirrileva li l-intimat assenti rapprezentat minn kuraturi deputati huwa kontumaċi f'dawn il-proċeduri u għalhekk, il-Qorti hija sprovvista mill-verzjoni tiegħu dwar il-fatti u l-mertu tal-kaz odjern. Minkejja d-dritt li tiġi pprezentata nota ta' sottomissjonijiet, il-kuraturi deputati għan-nom tal-konvenut ma pprezentawx din in-nota.

*Il-Prinċipji Legali u Applikazzjoni Tagħhom għall-Kaz Odjern*

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentament jiġu applikati għal kaz odjern.

*a. Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili: Eċċessi, Moħqrija, Theddid jew Offizi Gravi*

Dan l-artikolu tal-liġi jistipula illi:

*"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".*

F'dan ir-rigward, il-Qorti tibda sabiex tagħmel referenza għal kaz fl-ismijiet **Elisa Thompson vs. Edward Thompson**,[39] fejn ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa

[36] Fol. 1027 1029.
[37] Fol. 1024 – 1025.
[38] Fol. 1030 – 1032.
[39] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, ma hemmx il-ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Hemm ġiurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. Fis-sentenzi fl-ismijiet: **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**,[40] u **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**,[41] fejn ġie ritenut illi fir-rigward ta' moħqrija, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi"* u fir-rigward ta' inġurji u offizi gravi li dawn *"ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom",* filwaqt li ġew definiti bħala li*"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz"*, rispettivament. Is-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil eċċessi, li jfissru *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra".*

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' theddid u vjolenza, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima".*[42] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne Tabone pro. et noe. vs. Jesmond Tabone**,[43] *"il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha"*[44]; *Skond l-istess Qorti "Is-swat, ..., hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ".*[45]

[40]Deċiza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.
[41]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].
[42]**Antonia Mifsud vs. Giuseppe Mifsud**, deċiza mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.
[43]Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.
[44]**Genoveffa Magri vs. Joseph Magri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.
[45]**Charmaine Zahra pro. et noe. vs. Alfred Zahra**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.

b. *Artikolu 38 tal-Kodiċi Ċivili: Adulterju*

L-adulterju wkoll huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula:

*"Kull parti mizzewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra".*[46]

Magħdud ma' dan, il-ġurisprudenza kostanti tagħna tirritjeni illi:

"*L-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza sseparazzjoni personali*".[47]

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallega l-istess, jistax fattwalment jagħti prova tagħha. F'dan l-istadju, il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna,**[48] fejn ġie dikjarat li:

"*L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali ...... Huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika".*

c. *Artikolu 41 tal-Kodiċi Ċivili: Abbandun*

L-abbandun huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula:

*"Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba".*

Kemm mid-diċitura tal-artikolu u wkoll minn ġurisprudenza kostanti tagħna jirriżulta illi l-kriterji sabiex azzjoni bħal din tirnexxi huma tnejn, u ċjoe' l-

[46] Artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[47] **Hugh Greengrass vs. Lucia Greengrass**, deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 98/2002/1RCP).
[48] Deċiża nhar is-27 ta' Novembru 2011 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 1715/2001/1RCP).

abbandun idum għal sentejn jew iżjed, filwaqt li l-abbandun iseħħ mingħajr raġuni tajba.

Fil-kawża fl-ismijiet **Andrea Avellino vs. Regina Avellino**,[49] insibu tifsira ċara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal:

*"Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se maj jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċjoe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall-ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva, ta' min jabbanduna, li ma jerġax imur jgħammar mal-parti l-oħra. U biex ikun kundannabbli, l-abbandun irid ikun kapriċċuż, u mhux ġustifikat minn xi motiv raġjonevoli".*

Illi hawn issir referenza għall-kawża fl-ismijiet **Josephine Anne Edwards vs. Avukat Dr. Joseph Xuereb noe**,[50] fejn il-Qorti sostniet illi:

*"Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun inġust fiż-żmien tiegħu kollu ta' sentejn..."*

*<u>Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Kaz Odjern:</u>*

Il-Qorti wara li rat il-provi esebiti u s-sottomissjonijiet tal-partijiet, hija konvinta sal-grad rikjest mil-liġi li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment u konsegwentement hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet. Il-Qorti ħadet ukoll konjizzjoni tal-fatt illi l-partijiet ilhom jgħixu separatament għal numru ta' snin u li ma jidhirx li hemm lok għal rikonċiljazzjoni bejniethom.

Fir-rigward tar-responsabbilita' għat-tifrik taz-zwieġ, il-Qorti hija tal-fehma illi z-zwieġ tal-partijiet tkisser minħabba adulterju u inġurji gravi da parti l-konvenut.

---

[49] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Diċembru 1949.
[50] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Frar 1961.

Mill-atti jirrizulta ampjament ċar illi l-attriċi rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mill-liġi illi matul iz-zwieġ tiegħu mal-attriċi, il-konvenut kien infidil lejha ta' l-inqas ma' zewġ nisa barranin u ċjoe' ma' Beatriz Lozano Belio u Jessica Nnene Ogharanka. Il-provi mressqa ma jħallu l-ebda dubju dwar l-aġir adelturuz tal-konvenut, fejn:

i. Ma' Beatriz Lozano Belio, il-konvenut jidher li kellu relazzjoni temporanja, instabbli u qasira, fejn permezz tac-*chatlogs* apprezentati jidher ċar illi l-konvenut kien kapaċi jigdeb u jdawwar id-diskors kif jaqbel lilu;

ii. Ma' Jessica Nnene Ogharanka, il-konvenut kellu relazzjoni twila tant li fis-sena 2017 dawn izzewġu ġewwa n-Niġerja. L-attriċi tagħti x'tifhem illi din ir-relazzjoni bdiet sa mill-inqas mill-2012 stante ritratt li allegatament ittiehed fil-kamra tal-banju tad-dar tal-partijiet ġewwa n-Niġerja – madanakollu ma hemm l-ebda provi li tistabbilixxi li dan huwa minnu. Min-naħa l-oħra l-Qorti tara li nhar l-4 ta' Diċembru 2013, il-konvenut għadda somma ta' flus lil Jessica u kif ukoll fl-2015, u barra minn hekk, fis-sena 2015 u permezz ta' profil soċjali fuq Instagram, il-konvenut ikkumenta fuq ritratt ta' Jessica, fejn *inter alia* qalilha *"u r my little angel"* – liema kumment fil-fehma tal-Qorti jagħti indikazzjoni illi tali relazzjoni ma hijiex waħda ta' sempliċi ħbiberija. Konsegwentament jidher ċar li r-relazzjoni tal-konvenut ma' Jessica Nnene Ogharanka kompliet timxi 'il quddiem, hekk kif fis-sena 2016 kien beda l-proċess sabiex il-konvenut iġib lil Jessica tgħix ġewwa Malta sabiex tistudja, u fil-fatt din ġiet Malta fil-bidu tal-2017. Madanakollu mill-provi jidher li wara li l-konvenut ġie ordnat ill-Qorti sabiex jizgombra d-dar matrimonjali nhar it-12 ta' April 2017, kemm il-konvenut u kif ukoll Jessica Nnene Ogharanka telqu lejn in-Niġerja fejn izzewġu.

Dan l-aġir huwa wieħed gravi u kolpuz li għandu jiġi penalizzat. B'hekk il-Qorti qiegħda ssib lill-konvenut ħati ta' adulterju u nġurji gravi tenut kont taċ-ċirkostanzi li sabet ruħha fihom l-attriċi. Id-digriet *pendente lite* tal-Qorti ta' nhar it-12 ta' April 2017 kien bħal donnu *'pjaċir'* għall-konvenut sabiex jitlaq mhux biss mid-dar matrimonjali, izda saħansitra mill-pajjiz, fejn hekk kellu kull fakolta' li jibda ħajtu mill-ġdid ma' Jessica Nnene Ogharanka. Il-fatt li l-konvenut ħa l-izbriga li jġib lil Jessica Nnene Ogharanka ġewwa Malta taħt il-pretest li ser

tistudja *business studies* u konsegwentament jitlaq mill-pajjiz magħha bir-rizultat li jizzewwiġha, fil-fehma tal-Qorti tali aġir juri biċ-ċar kemm il-konvenut ma kellux interessi veri u ġenwini versu l-attriċi.

Fir-rigward ta' abbandun mid-dar matrimonjali, il-Qorti tirrileva li ma hemm l-ebda dubju u dan abbazi tal-provi li għandha quddiemha, li r-raġuni ewlenija għaliex iz-zwieġ tkisser huwa minħabba l-adulterju kommess da parti l-konvenut. Il-Qorti ma hijiex konvinta jekk il-kwistjoni odjerna tistgħax tiġi klassifikata bħala abbandun volontarju u mhux ġustifikat skont il-parametri tal-liġi, hekk kif mill-atti jirrizulta li l-konvenut abbanduna d-dar matrimonjali wara d-digriet tal-Qorti tat-12 ta' April 2017. Fil-fatt il-Qorti tara li fl-affidavit tagħha, l-attriċi tgħid illi *"wara d-degriet zewgi gie jiehu hwejgu u minn dakinhar ma rajtux iktar"*.[51] In vista ta' dan, il-Qorti ma tinsabx konvinta li l-konvenut abbanduna lil martu u d-dar matrimonjali, izda it-tluq tiegħu mid-dar matrimojali kienet iktar il-konsegwenza tad-digriet surreferit.

Fir-rigward ta' eċċessi u moħqrija, il-Qorti rat il-fedina penali tal-konvenut u kif ukoll ir-rapporti kollha li ġew pprezentati mill-Pulizija, fejn jirrizulta li l-konvenut ġie misjub ħati darba waħda biss fit-30 ta' Settembru 2010 u dan wara li ammetta l-akkuzi miġjuba kontrih minħabba dannu li kkawza fuq proprjeta' ta' Dennis B, u kif ukoll li bezza' u hedded lill-istess Dennis B. Madanakollu mill-atti ma jirrizultax sal-grad rikjest mil-liġi li l-konvenut qatt kien vjolenti, hedded jew ħaqar lill-attriċi. Għaldaqstant u fin-nuqqas ta' provi da parti l-attriċi, il-Qorti ma tistgħax tasal għall-konkluzjoni li l-konvenut għandu jinstab ħati għar-responsabbilita' tat-tifrik taz-zwieġ minħabba eċċessi u moħqrija.

Adoperat dan ir-raġjunament għall-każ partikolari hawn eżaminat, jibbasta biex jikkonvinċi illi l-azzjoni attriċi hija ġustifikata abbazi tal-Artikolu 38 u 40 tal-Kodiċi Ċivili. B'hekk il-Qorti għandha raġunijiet serji sabiex tasal għal konkluzjoni li z-zwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli, u qed issib lill-konvenut ħati t'adulterju u nġurji gravi fil-konfront ta' martu.

3. **Dwar l-Applikazzjoni tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili fil-Konfront tal-Konvenut:**

[51] Fol. 991.

L-attriċi titlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront ta' zewġha d-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili.

Jiġi ribadit illi l-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skond il-liġi, konsegwenzi ibsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront tal-konvenut/a ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

Fil-każ odjern, il-konvenut instab ħati għat-tkissir taz-zwieġ tal-partijiet minħabba adulterju u nġurji gravi fil-konfront ta' martu. Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti *in toto* tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, fosthom illi tiddikjara, illi bl-imġieba tiegħu l-intimat iddekada mid-dritt tiegħu li jirċievi manteniment mingħand l-attriċi u wkoll li huwa tilef kull dritt ta' suċċessjoni li kien talvolta spettanti lilu wara l-mewt tal-attriċi.

## 4. Manteniment lill-Attriċi:

Fir-rikors ġuramentat tagħha, l-attriċi tirrileva illi *"minkejja li bhalissa ghandha l-mezzi bizzejjed biex tmantni lilha nnifisha, id-dritt li tesigi manteniment minghand zewgha , f'kaz ta' bdil fic-cirkostanzi, ghandu jibqa mhux mittifes"*,[52] u b'hekk talbet lill-Qorti sabiex *"tiddikjara li l-attrici jibqala d-dritt li tesigi manteniment minghand il-konvenut kemm-il darba hija ma jkollhiex mezzi bizzejjed sabiex tmantni lilha nnifisha"*.[53]

Fl-ewwel lok il-Qorti tibda sabiex tirrileva li in vista li l-konvenut instab ħati għat-tifrik taz-zwieġ, il-Qorti applikat fil-konfront tiegħu s-sanzjonijiet kif stipulati f'Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili u dan kif spjegat fit-tielet taqsima ta' din is-sentenza. Min-naħa l-oħra, u fid-dawl tal-fatt li l-attriċi ma nstabitx ħatja bħall-attur, din tal-aħħar għandha l-jedd li titlob il-manteniment minn għand zewġha u dan skont l-obbligu li jitnissel miż-zwieġ. Madanakollu għandu jiġi ribadit illi *"il-kundanna ta' hlas ta' manteniment ma hiex marbuta mal-htija ghat-tkissir taz-zwieg izda mac-cirkostanzi partikolari tal-kaz referibbli ghad-dhul rispettiv tal-*

[52] Fol. 2.
[53] Fol. 4.

*partijiet u l-htigijiet taghhom".*[54] Għaldaqstant, il-Qorti tara ġusta t-talba tal-attriċi.

Għaldaqstant il-Qorti f'dan l-istadju, u *rebus sic stantibus,* ma tarax li l-attriċi għandha tipperċepixxi manteniment minn għand il-konvenut u dan ġialadarba hija finanzjarjament indipendenti u m'għandha l-ebda impediment milli taqla' l-għixien tagħha b'mod indipendenti bħalma għamlet għal dan l-aħħar zmien. Madanakollu u fi kwalunkwe l-kaz, il-Qorti tikkjarifika li minkejja tali ordni, dan ma għandux ifisser li l-attriċi qiegħda b'xi mod titlef il-jedd tagħha li fil-futur titlob manteniment minn għand l-konvenut u dan f'kaz ta' tibdil fiċ-ċirkostanzi li jikkonstrinġu lill-attriċi titlob lill-zewġha għajnuna finanzjarja permezz ta' manteniment.

## 5. Kura, Kustodja, Aċċess u Mantaniment għall-Minuri:

Miz-zwieġ tal-partijiet twieldu zewġt itfal, u ċjoe' Jacob Ihebulu u Cristiana Sue Ihebulu, imwielda 28 ta' Ottubru 2005 u 21 ta' Mejju 2008, rispettivament.[55] Dan ifisser illi fil-prezent, il-minuri għandhom ħmistax-il (15) sena u tlettax-il (13) sena rispettivament, u b'hekk huma minorenni. Is-sitwazzjoni *pendente lite* fir-rigward tal-minuri ma jirrizultax li qatt ġiet regolata b'mod formali, għajr għall-manteniment fejn permezz ta' digriet datat 12 ta' April 2017, il-konvenut ġie ordnat iħallas is-somma ta' erba' mitt Ewro (€400) kull erbgħa ġimgħat, oltre nofs l-ispejjez għas-saħħa u edukazzjoni tagħhom.[56]

*Il-Prinċipji Legali fir-rigward tal-Kura, l-Kustodja, Aċċess u Manteniment tal-Minuri*

Rigward il-kura, kustodja u aċċess, il-Qorti tirritjeni li f'tali aspetti il-ġurisprudenza tagħna dejjem irriteniet li l-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. Fil-kawża **Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli**[57] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġiurisprudenza* estera *u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-*

[54] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Donald Pirotta vs Elizabeth Pirotta**, deċiza mill-Qorti tal-Familja nhar is-17 ta' Ottubru 2016, mhux appellata.
[55] Fol. 7, 8.
[56] Fol. 13.
[57] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.

*ċirkustanzi tal-kaz u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġuddizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment".*

Fil-kawża fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless,**[58] il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Ingħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet **John Cutajar vs. Amelia Cutajar et**,[59] u **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna,**[60] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominant in 'subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jiġi rizolut…".*

Tenut kont tal-prinċipji bazilari hekk kif enunċjati mill-ġiurisprudenza appena ċitata, u ċjoe' l-prinipju tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għal minuri, il-Qorti għandha l-fakolta' li abbazi tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili, saħansitra tafda l-kura u kustodja tal-minuri lil ġenitur wieħed biss u dan sabiex l-interess suprem tal-minuri jkun dejjem issalvagwardjat. Il-Qorti tissottolineja illi l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. Fis-sentenza fl-ismijiet **Frances Farrugia vs Duncan Caruana**,[61] u **Marlon Grech vs Charlene Banks**[62] ġie ritenut illi l-Qorti *"filwaqt li dejjem tagħti piz għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġiurisprudenza kostanti tagħna".*

[58]Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.
[59]Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956.
[60]Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP).
[61]Deċiża fil-31 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat 268/11AL).
[62]Deċiża fil-15 ta' Ġunju 2017 (Rikors Ġuramentat 218/13AL).

Rigward il-manteniment, jiġi ribadit illi l-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula: "*Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi".* L-Artikolu 3B sub-inċiz 1 tal-istess Kodiċi jistipula illi: "*Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied*".

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi verso l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari izda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinċiz 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjez reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Ċertament li l-obbligi mnissla miż-żwieġ, isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, anke fil-każijiet ta' *pendente lite*. B'hekk l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Meta l-Qorti tiġi sabiex tistabbilixxi manteniment, ma hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Madanakollu Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jservi mezz ta' gwida sabiex jassisti lil Qorti tasal għal konkluzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward. Dan l-artikolu jaqra hekk:

*"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-*

*salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust".*

*Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Kaz Odjern*

Wara konsiderazzjoni tal-prinċipji legali u kif ukoll tal-provi, il-Qorti tinnota illi l-kura u kustodja *pendente lite* tal-minuri kienet dejjem fdata b'mod konġunt f'idejn il-partijiet. Fil-prezent il-minuri Jacob u Cristiana Sue, aħwa Ihebulu, għadhom minorenni u b'hekk għadhom taħt is-setgħa tal-ġenituri tagħhom.

Il-Qorti tagħti ħarsa lejn dak li saħqet l-attriċi, hekk kif fl-affidavit tagħha tgħid illi *"fic-cirkostanzi fuq imsemmija fejn zewgi jinsab mizzewweg ma mara ohra fin-Nigeria u ma ghadux Malta u lanqas qatt ma jibghat flus jew imqar icempel, inhoss li t-tfal gew kompletament abbandunati minnu ghalhekk nirritjeni li ghandi ninghata il-kura u kustodja shiha tat-tfal sabiex inkun nista niehu d-decisjonijiet kollha li jikkoncernaw lilhom, sija mil-att edukattiv u sija minn dak li jikkoncerna s-sahha taghhom u anke sabiex l-istess tfal jista jkollhom passaport"*.[63] Il-Qorti rat illi dak allegat mill-attriċi ġie konfermat permezz ta' provi suffiċjenti, u b'hekk huwa kristallizat li l-partijiet ilhom separati *de facto* sa mill-2017, u jidher li matul dan iz-zmien hi ħadet ħsieb lill-minuri b'mod esklussiv in vista tal-fatt li l-konvenut telaq mill-pajjiz, bil-possibilta' li dan fil-prezent jinsab ġewwa n-Niġerja.

Fil-fehma tal-Qorti, l-aġir tal-konvenut huwa wieħed li jirrispekkja disinteress u nuqqas ta' volonta' li wieħed jinvolvi ruħu b'mod adegwat fit-trobbija ta' uliedu stess. Għaldaqstant il-Qorti ma għandhiex lok sabiex tiddubita li l-minuri daħlu f'rutina ta' ħajja fejn il-missier ma huwiex prezenti. Il-Qorti bl-ebda mod ma tfaħħar, tiġġustifika jew taqbel ma' dan il-*modus vivendi*, anzi bil-wisq

[63] Fol. 991.

tikkundannah u tiddeplorah għaliex kull ġenitur għandu l-obbligu li jieħu ħsieb, jeduka, jmantni u jipproteġi lill-uliedu stess. Ma huwiex xi unur li wieħed jaħrab mir-responsabbiltajiet tiegħu u jfarfar l-obbligi tiegħu ta' ġenitur fuq il-ġenitur l-ieħor filwaqt li kappriċċozament jagħmel tabirruħu li m'għandux ulied u jgħix ħajja oħra.

Għaldaqstant u sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi tal-minuri, il-Qorti hija tal-fehma illi fiċ-ċirkostanzi jkun idoneju illi l-kura u kustodja tal-minuri tiġi fdata b'mod esklussiv f'idejn l-attriċi, b'dana illi l-minuri jkomplu jgħixu mal-attriċi, u din tkun awtorizzata tieħu waħedha u mingħajr l-ebda kunsens tal-konvenut, dawk id-deċizjonijiet kollha li jirrigwardaw il-minuri, u ċjoe' dawk id-deċizjonijiet ordinarji u kif ukoll dawk ta' natura iktar importanti, inkluz dawk ta' saħħa, edukazzjoni u safar. Magħdud ma' dan u fir-rigward tal-applikazzjoni għal ħruġ u tiġdid tal-passaport tal-minuri, dan għandu jsir mill-attriċi waħedha mingħajr ebda awtorizzazzjoni, kunsens u/jew firma tal-konvenut, fejn konsegwentament l-imsemmi passaport maħruġ fuq isem il-minuri għandu jinzamm fil-pussess tal-attriċi.

Fir-rigward tal-aċċess, il-Qorti tinnota li l-minuri ilhom ma jaraw jew jikkomunikaw ma' missierhom għal zmien twil. Ma huwiex magħruf f'dan l-istadju jekk l-konvenut hux qiegħed in-Niġerja *o meno*. Madanakollu mill-atti jidher li fi kwalunkwe kaz, fil-prezent il-minuri mhux qed ikollhom aċċess jew kuntatt ma' missierhom, tenut kont tal-fatt ukoll li l-konvenut mhux qed juri interess lejn uliedu. Il-fatt li tezisti possibilita' li l-konvenut jinsab barra minn Malta, jagħmilha ferm diffiċli għall-minuri sabiex jarawh b'mod fiziku, imma ma hemm xejn milli jimpedixxi lill-konvenut milli jikkomunika magħhom eletronikament u jarawh virtwalment.

Il-Qorti tirribadixxi illi minuri għandhom id-dritt li jgawdu kemm lil ommhom u kif ukoll lil missierhom, u m'għandhomx jiġu mċaħda minnhom jekk mhux abbazi struzzjoni professjonali. B'hekk, f'kawzi ta' din ix-xorta, il-Qorti tagħmel minn kollox sabiex ma tisfrattax il-possibilita' li ġenitur u iben jew bint, ikollhom relazzjoni. Għaldaqstant u tenut kont taċ-ċirkostanzi, il-Qorti hija tal-fehma illi f'dan l-istadju u *rebus sic stantibus,* tipprjobixxi illi jsir aċċess b'mod fiziku bejn il-minuri u l-missier, madanakollu l-Qorti tara li l-minuri għandhom ikunu liberi li jekk iridu huma jikkomunikaw b'mod eletroniku ma' missierhom u jarawh

b'mod virtwali, u dan tenut kont li fil-prezent il-minuri għandhom ħmistax (15) u tlettax-il (13) sena.

Jingħad ukoll illi ġialadarba l-minuri ser ikomplu jgħixu ma' ommhom, il-konvenut għandu jħallas manteniment mensili għal minuri. Skont id-digriet tat-12 ta' April 2017, il-konvenut ġie ordnat iħallas is-somma ta' €400 kull erba' (4) ġimgħat u dan oltre l-ispejjez relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni. Madanakollu, fl-affidavit tagħha l-attriċi tgħid illi *"tali manteniment pero zewgi qatt ma hallasni euro minnu u ghalhekk sallum nikkalkula li ghandu jatini tlettax-il elf euro (€13,000) bhala arretrati ta' manteniment. Jien ma ghandi ebda tama li zewgi qatt ihallasni xi manteniment u ghalhekk nirritjeni li l-manteniment, bi kwalsiasi zidiet minhabba l-gholi tal-hajja, ghandu jigi kapitalizzat f'somma wahda sabiex tkopri l-perjodu sakemm it-tfal jaghlqu tmintax (18) il-sena jew sakemm jispiccaw l-istudji taghhom kemm-il darba jkomplu jistudjaw wara li jsiru maggorenni"*.[64]

Mill-provi mresqa, jidher li l-attriċi tinsab f'impjieg ma' Lead Services Technologies Ltd, tant li ġew ipprezentati l-FS3 tas-sena 2017 u 2018.[65] Min-naħa l-oħra, ma huwiex magħruf x'inhu l-impjieg attwali tal-konvenut.

Qabel mal-Qorti tgħaddi sabiex tiddeċiedi rigward id-determinazzjoni tal-manteniment, jiġi nnutat illi l-attriċi qiegħda tippretendi ukoll l-arretrati tal-manteniment għall-minuri, liema kwistjoni ġiet sollevata mill-attriċi fl-affidavit tagħha.[66] F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Linda Pulis vs Alfred Pulis,** deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar is-16 ta' Frar 2007. Fid-dawl tal-insenjament tal-ġurisprudenza nostrana f'dan ir-rigward, il-Qorti tara illi fil-kaz odjern, oltre mid-dikjarazzjoni ġuramentata tal-attriċi fl-affidavit tagħha, il-Qorti tara li fir-rikors promotur, l-attriċi kienet ukoll aċċennat għall-fatt li l-konvenut qatt ma ħallas il-manteniment skont kif ordnat mill-Qorti, u fil-fatt iddikjarat li *"l-konvenut njora għal kollox id-degriet fuq imsemmi dwar il-hlas ta' mantenimnent u qatt ma vversa xi flus tant li l-esponenti giet kostretta taghmel is-solita kwerela lil-pulizija f'Lulju 2017 (Dok E) u l-proceduri kriminali ghadhom pendenti bid-diffikulta pero li ma jistghux jinbdew sakemm il-konvenut ma jirritornax Malta"*.[67] Sabiex tikkorrabora tali allegazzjoni, l-attriċi pprezentat

[64] Fol. 992.
[65] Fol. 1033 – 1035.
[66] Fol. 992.
[67] Fol. 2.

kopja tal-kwerela in kwistjoni datata 26 ta' Lulju 2017,[68] u kif ukoll rapport magħmul minnha mal-Pulizija datat 27 ta' Lulju 2017.[69] Il-Qorti tara li d-dikjarazzjoni ġuramentata tal-attriċi u dawn tenut kont taċ-ċirkostanzi odjerni u l-provi mresqa minnha, il-Qorti hija tal-fehma illi għandha tieħu in konsiderazzjoni ta' dawn l-arretrati fil-komputazzjonijiet u kalkoli tagħha għad-determinazzjoni tal-manteniment.

Magħdud mal-premess, l-Qorti tara ukoll illi l-attriċi titlob sabiex il-konvenut jiġi kkundannat iħallas manteniment adegwat għall-minuri, liema manteniment għandu jingħata bil-modalita' ta' ġurnata, lok u ħin skont id-diskrezzjoni tal-Qorti *"jew bl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet kontemplati fl-artikolu 54 (5) u (8) tal-Kodici Civili tenut kont li mhux affidabbli li l-konvenut jibqa jirrisjedi f'Malta"*.[70] Dawn id-disposizzjonijiet tal-liġi jistipulaw illi:

*"(5) Minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, meta tiġideċiża l-firda, il-qorti tista', jekk hekk jidhrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi, tordna lill-parti responsabbli għall-manteniment li tħallas lill-parti l-oħra, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali, li fil-fehma tal-qorti tkun biżżejjed sabiex il-parti li jkollha tirċievi l-manteniment tkun finanzjarjament indipendenti jew inqas dipendenti mill-parti l-oħra, skont il-każ.*

--

*(8) Il-qorti tista' wkoll tordna li, minflok dik is-somma globali, imsemmija fis-subartikolu (5), kollha jew parti minnha, il-parti li jkollha tħallasha tagħti lill-parti l-oħra proprjetà b'titolu ta' proprjetà jew użufrutt, jew għall-użu jew abitazzjoni."*

Il-Qorti tara li l-konvenut ma huwiex persuna affidabbli u fiċ-ċirkostanzi, fejn il-konvenut ħarab mir-responsabbilta' tiegħu li jattribwixxi finanzjarjament għall-bzonnijiet ta' uliedu għal diversi snin, ikun idoneju illi l-attriċi titħallas somma globali jew proprjeta' b'titolu ta' proprjeta' jew uzufrutt, jew għall-uzu jew abitazzjoni. Għaldaqstant għal tali fini, il-Qorti sejra tagħmel il-komputazzjonijiet tagħha sabiex tasal għal dik iċ-ċifra li għandha tingħata l-attriċi bħala sehem il-konvenut f'manteniment għall-minuri. Il-Qorti tissottolineja illi għal din il-

[68] Fol. 14.
[69] Fol. 764.
[70] Fol. 4.

komputazzjoni il-Qorti ser tieħu s-somma ta' €275 f'manteniment għal kull wild, liema somma tinkludi l-ispejjez relatati f'saħħa u edukazzjoni, liema somma ser tiġi addottata mit-12 ta' April 2017 sad-data meta l-minuri jagħlqu l-eta' ta' tmintax-il (18) sena, stante li ma ġiex pprovdut lill-Qorti dwar jekk il-minuri għandhomx l-intiza li jridu jibqgħu jistudjaw fuq bazi *full-time* u jsegwu kors partikolari:

i. Mit-12 ta' April 2017 sat-23 ta' Ġunju 2021, il-Qorti tara illi l-konvenut kellu jħallas is-somma ta' €29,700 f'manteniment u spejjez relatati mas-saħħa u edukazzjoni taz-zewġ minuri;[71]
ii. Mill-24 ta' Ġunju 2021 sat-28 ta' Ottubru 2023, il-Qorti tara illi l-konvenut għandu jħallas is-somma ta' €8,250 bħala manteniment u spejjez tas-saħħa u edukazzjoni ta' Jacob Ihebulu;[72]
iii. Mill-24 ta' Ġunju 2021 sal-21 ta' Mejju 2026, il-Qorti tara illi l-konvenut għandu jħallas is-somma ta' €17,600.[73]

B'hekk mit-12 ta' April 2017, u ċjoe' meta ngħata d-digriet *pendente lite* rigward il-manteniment tal-aħwa Ihebulu, sad-data meta z-zewġ minuri jagħlqu l-eta' ta' tmintax-il (18) sena, il-Qorti tieħu in konsiderazzjoni li l-konvenut għandu jħallas lill-attriċi s-somma globali ta' €55,550. Magħdud mal-premess u għal kull buon fini, kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluz *children allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attriċi għan-nom tal-minuri.

## 6. It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Divizjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali:

Il-Qorti tirrileva illi ġialadarba l-partijiet izzewġu nhar id-9 ta' Ġunju 2006, din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

[71] Din is-somma ġiet ikkalkulata abbazi ta' 54 pagament ta' manteniment (9 pagamenti għas-sena tal-2017 minn April 'il quddiem, 13-il pagament għas-sena 2018, 13-il pagament għas-sena 2019, 13-il pagament għas-sena 2020, u 6 pagamenti għas-sena 2021 sa' Ġunju 2021), liema numru ġie mmultiplikat biċ-ċifra ta' €550 u ċjoe' is-somma li l-konvenut kellu jħallas lill-attriċi f'manteniment għaz-zewġ minuri.
[72] Din is-somma ġiet ikkalkulata abbazi ta' 30 pagament ta' manteniment (7 pagamenti għas-sena tal-2021, 13-il pagament għas-sena 2022, 10 pagamenti għas-sena 2023 sa Ottubru 2023), liema numru ġi mmultiplikat biċ-ċifra ta' €275.
[73] Din is-somma ġiet ikkalkulata abbazi ta' 64 pagamenti ta' manteniment (7 pagamenti għas-sena tal-2021, 13-il pagament għas-sena 2022, 13-il pagament għas-sena 2023, 13-il pagament għas-sena 2024, 13-il pagament għas-sena 2025 u 5 pagamenti għas-sena 2026 sa Mejju 2026).

<u>*Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*</u>

Bis-saħħa tal-preżenti sentenza, il-Qorti qiegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet.

<u>*Elenku ta' dak kollu li Jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti, il-Likwidazzjoni, id-Divizjoni u l-Assenjazzjoni tagħhom, u Elenku ta' dak kollu li huwa Parafernali tal-Partijiet u l-Assenjazzjoni tal-Istess*</u>

Fir-rigward tal-<u>kontijiet bankarji</u>, mill-atti jirrizulta illi l-partijiet għandhom is-segwenti kontijiet:

a. A B għandha fuq isimha s-sewgenti kontijiet bankarji attivi:

i. 11802488013 mal-Bank of Valletta plc bħala *savings account*;[74]
ii. 11802488026 mal-Bank of Valletta plc bħala *current account*;[75]
iii. 40012669208 mal-Bank of Valletta plc bħala *home loan*;[76]

Mill-atti jirrizulta ukoll illi kien hemm kontijiet bankarji oħra fuq isem l-attriċi izda dawn ġew magħluqa,[77] u dan inkluz zewġ *home loans* mal-Bank of Valletta plc bin-numru bankarju 40012669185,[78] u 40012680575,[79] li t-tnejn li huma infetħu fl-2003 u ngħalqu fl-2009.[80]

b. CDEgħandu fuq ismu s-segwenti kontijiet bankarji attivi:

i. 075157305001 mal-HSBC Bank Malta plc bħala *current account*;[81]
ii. 075157305050 mal-HSBC Bank Malta plc bħala *savings account*.[82]

[74] Fol. 193 – 434.
[75] Fol. 435 – 472.
[76] Fol. 477 – 488.
[77] Ara l-kontijiet bankarji tal-attriċi: (i) 006062533050 mal-HSBC Bank Malta plc, li nfetaħ fil-5 ta' Novembru 1994 u ngħalaq fis-7 ta' Lulju 2009, a fol. 64 – 66, (ii) 5422010183270014 mal-HSBC Bank Malta plc, li nfetaħ fit-3 ta' Awwissu 1995 u ngħalaq fit-28 ta' Mejju 2009, a fol. 67 – 102.
[78] Fol. 473 – 476.
[79] Fol. 489 – 492.
[80] Fol. 58, ix-xhieda tar-rapprezentant tal-Bank of Valletta plc.
[81] Fol. 103 – 114.
[82] Fol. 115 – 145.

Flimkien mal-premess, jirrizulta ukoll li l-konvenut assenti kellu iktar kontijiet bankarji izda ġew magħluqa.[83]

F'dan ir-rigward, il-Qorti tara illi fiċ-ċirkostanzi, il-kontijiet kollha, inkluz il-*loan account*, li hemm fuq isem l- attriċi u l-ammonti li hemm fihom għandhom jiġu assenjati lilha. Min-naħa l-oħra u fir-rigward tal-kontijiet fuq isem il-konvenut, tali kontijiet għandhom jibqgħu jsejħu lill-konvenut, madanakollu l-Qorti tordna li l-ammonti li hemm f'dawn il-kontijiet bankarji għandhom jiġu trasferiti f'kont tal-attriċi, hekk kif ikun indikat minnha, u dan ad eskluzjoni ta' kwalsiasi dejn li l-konvenut jista' jkollu mal-banek.

Fir-rigward tal-kontijiet bankarji ntestati jew intizi għal minuri Jacob u Cristiana Sue, aħwa Ihebulu, mill-atti jirrizulta li Jacob Jacob Ihebulu għandu l-kont bin-numru 40014780321 mal-Bank of Valletta plc bħala *young savers account*,[84] filwaqt li Cristiana Sue Ihebulu għandha l-kont bin-numru 40017691598 mal-Bank of Valletta plc bħala *young savers account*.[85] Il-Qorti qiegħda tassenja lill-attriċi dawn il-kontjiet intestati jew intizi għall-minuri, liema kontijiet bankarji għandhom ikomplu jsejħu biss lill-attriċi, u kwalsiasi deċizjoni għandha tittiehed u/jew awtorizzazzjoni għandha tingħata, esklussivament mill-attriċi, u dan sakemm il-minuri jilħqu l-eta' maġġorenni.

Fir-rigward tal-poloz tal-assigurazzjoni mal-MSV Life, il-Qorti tara illi l-ewwel polza għandha n-numru 39626 u tassigura l-ħajja ta' A B, li nbdiet fl-20 ta' Diċembru 1997 u timmatura fl-20 ta' Diċembru 2027,[86] filwaqt li t-tieni polza għandha n-numru 30005634/AP006664 fuq isem A B, li nbdiet fl-1 ta' Settembru 2003 u timmatura fl-1 ta' Settembru 2039,[87] bl-intiza li tkopri *loan* li l-istess A B għandha mal-bank.[88] Mill-atti jirrizulta ampjament ċar li dawn iz-zewġ poloz tal-assigurazzjoni nbdew qabel ma' l-partijiet izzewġu fl-2006, għaldaqstant tali

[83] Ara l-kontijiet bankarji tal-konvenut: (i) 4568820064686956 mal-HSBC Bank Malta plc, li nfetaħ nhar l-1 ta' Jannar 2003 u ngħalaq fis-7 ta' Lulju 2008, a fol. 146 – 170, (ii) 073012825050 mal-HSBC Bank Malta plc, li nfetaħ nhar id-19 ta' Frar 2005 u ngħalaq 10 ta' April 2012, a fol. 171 – 188, (iii) 40010567001 mal-Bank of Valletta plc, li nfetaħ fl-2001 u ngħalaq fl-2013, a fol. 517 – 589, (iv) 40013958196 mal-Bank of Valletta plc, li nfetaħ fl-2004 u ngħalaq fl-2013, a fol. 590 – 622, (v) 40015635161 mal-Bank of Valletta plc, li nfetaħ fl-2006 u ngħalaq fl-2018, a fol. 623 – 701, (vi) 40020041193 mal-Bank of Valletta plc, li nfetaħ fl-2011 u ngħalaq fl-2013, a fol. 702 – 711.
[84] Fol. 493 – 505.
[85] Fol. 506 – 516.
[86] Fol. 725.
[87] Fol. 726.
[88] Ara x-xhieda tar-rapprezentant tal-MSV Life, a fol. 853 – 856.

poloz huma parafernali u b'hekk għandhom jibqgħu fuq isem l-attriċi u jitħallsu minnha waħedha.

Madanakollu huwa stat ta' fatt li matul iz-zwieġ tal-partijiet dawn il-poloz baqgħu jiġu mħallsa u b'hekk il-flus utilizzati sabiex isir l-imsemmi ħlas kienu flus li jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti. Għaldaqstant jezisti kreditu a favur l-konvenut għal sehemu li ġie mħallas għal dawn il-poloz parafernali tal-attriċi. Skont il-kalkoli ta' din il-Qorti, mid-data taz-zwieġ sal-prezent tħallset is-somma ta' ċirka €12,118.74.[89] Madanakollu sabiex il-Qorti tiddetermina l-kreditu li għandu jiġi rifuz lura lill-konvenut, din il-Qorti ser tieħu konjizzjoni taċ-ċifra ta' €8,587.12 li tkopri s-somma mħallsa mill-partijiet mid-data taz-zwieġ sa Diċembru 2016, u dan in vista tar-responsabbilita' għat-tifrik taz-zwieġ li ġiet attribwita unikament lill-konvenut. B'hekk il-konvenut għandu jiġi rifuz nofs tali somma, ċjoe' €4,293.56, minn għand l-attriċi.

Fir-rigward tal-<u>vetturi kollha li ġew imsemmija</u>, il-Qorti tara illi hemm uħud mill-vetturi kienu għall-uzu personali tal-partijiet, oħrajn li ġew esportati barra minn Malta minħabba n-negozju tal-konvenut, filwaqt li oħrajn huma mnizzla bħala ggaraxxjati, li mix-xhieda tar-rapprezentant tat-Transport Malta, jiġi mfisser li meta vettura tiġi mnizzla bħala *'garaged'* dan ifisser illi wieħed ma jkunx jaf xi jkun sar minnhom.[90] Il-Qorti tara illi fir-rigward tal-vetturi kollha msemmija, l-attriċi tgħid illi *"dwar il-vetturi, kull ma kelli jien kienet Suzuki bin-numru CAR017 li ghaddejtha lil missieri sabiex ikun jista juzaha hu. Din hija mudell tat-2003 u llum ma tiswa xejn. Alloysius, mill-banda l-ohra, wara z-zwieg xtara Citroen C3 li baqa juzaha sakemm baqa Malta u imbaghad inbieghet. Il-vetturi l-ohra f'ismu li semma irrapprezentant tat-Transport Malta ma nafx bihom u ma nafx x'ghamel bihom u bil-flus taghhom".*[91]

Il-Qorti tibda sabiex tara li l-vettura li għandha rreġistrata fuq isimha l-attriċi, hija vettura li ġiet irreġistrata fuq isimha matul iz-zwieġ, senjatament nhar is-17 ta'

[89] Il-Qorti waslet għal din iċ-ċifra skont is-segwenti: (i) fir-rigward tal-polza bin-numru 39626 titħallas is-somma annwali ta' €531.80 u ċjoe' €44.32 fix-xahar, b'hekk – (a) minn Mejju 2006 sa Diċembru 2006 tħallset is-somma ta' €354.56, (b) minn Jannar 2007 sa Diċembru 2020 tħallset is-soma ta' €7,445.20, u (ċ) minn Jannar 2021 sa Ġunju 2021 tħallset is-somma ta' €265.92, filwaqt li, (ii) fir-rigward tal-polza bin-numru 30005634/AP006664 titħallas is-somma annwali ta' €273.24 u ċjoe' €22.77 fix-xahar, bhekk – (a) minn Mejju 2006 sa Diċembru 2006 tħallset is-somma ta' €91.08, (b) minn Jannar 2007 sa Diċembru 2020 tħallset is-somma ta' €3,825.36, u (ċ) minn Jannar 2021 sa Ġunju 2021 tħallset is-somma ta' €136.62. Dawn iċ-ċifri flimkien jagħtu s-somma ta' €12,118.74.
[90] Fol. 910.
[91] Fol. 993.

Mejju 2011,[92] u b'hekk fin-nuqqas ta' prova kuntrarja, għall-Qorti jidher ċar li tali vettura tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti. Madanakollu l-Qorti tara li l-attriċi tonqos milli tipprovdi lill-Qorti kemm inxtrat din il-vettura, u kemm hu l-valur tagħha fis-suq fil-prezent. Fi kwalunkwe kaz il-Qorti qiegħda tassenja tali vettura lill-attriċi. Min-naħa l-oħra u fir-rigward tal-vettura tat-tip Citroen C3, il-Qorti tara li għalkemm jingħad li l-konvenut kien jagħmel uzu minn din il-karozza, mill-atti ma jirrizultax illi din kienet tappartjeni lill-konvenut hekk kif ma nġabet l-ebda prova dwar minn min ġiet mixtrija, meta ġiet mixtrija, il-prezz imħallas għax-xiri tagħha, meta ġiet mibjugħa u l-flus ggwadanjati minn tali bejgħ. Magħdud ma' dan il-Qorti tosserva illi mid-dokumenti pprezentati mir-rapprezentant tat-Trasport Malta, ma jidhirx li l-konvenut qatt kellu fuq ismu din il-vettura. Għaldaqstant u fin-nuqqas ta' provi, il-Qorti ma għandha l-ebda mod kif tista' tikkonsidra tali vettura bħala formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

Min-naħa l-oħra, il-Qorti tara ukoll li matul iz-zwieġ tiegħu mal-attriċi, il-konvenut xtara numru ta' vetturi bl-intiza li jesportahom barra minn Malta. Fil-fatt l-attriċi tikkonferma li dan kien il-metodu kif kien jinnegozja u jagħmel il-flus il-konvenut. Dawn il-karozzi li jidher li nxtraw mill-konvenut u konsegwentament ġew esportati barra minn xtutna huma: (i) Mitsubishi Canter bin-numru ta' reġistrazzjoni ABI-029 reġistrata fuq il-konvenut u esportata lejn in-Nigeria fs-27 ta' Frar 2016,[93] (ii) Leyland bin-numru ta' reġistrazzjoni LCE-752 reġistrata fuq isem il-konvenut u esportata fid-19 ta' Lulju 2016,[94] (iii) Toyota Hiace bin-numru ta' reġistrazzjoni TMC-100 reġistrata fuq isem il-konvenut u esportata fil-25 ta' Frar 2016,[95] (iv) Piaggio bin-numru ta' reġistrazzjoni GAE-578 reġistrata fuq isem il-konvenut u esportata fis-27 ta' Marzu 2014,[96] u (v) Suzuki Super Carry bin-numru ta' reġistrazzjoni CAL-241 reġistrata fuq isem il-konvenut u esportata fis-27 ta' Marzu 2014.[97]

Madanakollu fir-rigward ta' dawn il-vetturi ma tressqet l-ebda prova u l-attriċi tikkonferma taħt ġurament illi *"ma tafx bihom u ma nafx x'ghamel bihom u bil-flus taghhom"*. Il-Qorti ssib inverosimili l-verzjoni tal-attriċi li ma tafx bihom, jew x'għamel bihom dawn il-vetturi, in vista tal-fatt illi l-attriċi kienet konsapevoli tan-negozju li għandu l-konvenut u l-mod kif jaqla' l-flus. Barra

[92] Fol. 883.
[93] Fol. 884, 886.
[94] Fol. 884, 888.
[95] Fol. 884, 890.
[96] Fol. 891, 902.
[97] Fol. 891, 904.

minn hekk, mill-atti jirrizulta li l-attriċi kienet taf illi nhar it-13 ta' Jannar 2016 u 9 ta' Frar 2016, missierha stess sellef lill-konvenut is-somma ta' €12,000 u €4000, rispettivament.[98] Mill-affidavit ta' missier l-attriċi jirrizulta li l-flus in kwistjoni ġew mislufa minnu wara li l-konvenut talbu jisilfu xi flus li kellu bzonn b'mod urġenti biex jiffinalizza negozju,[99] u b'hekk huwa kristallizzat li, *prima facie,* dawn il-flus ġew mislufa għall-ġestjoni tan-negozju tal-konvenut. Għalkemm l-attriċi ma kienetx firmatarja fl-iskritturi privati rigward l-imsemmi self ta' flus, jidher illi din xorta waħda kienet konsapevoli ta' dan kollu, hekk kif fl-iskrittura datata 13 ta' Jannar 2016, l-attriċi dehret bħala xhud,[100] filwaqt li fl-iskrittura datata 9 ta' Frar 2016, l-attriċi ġiet imnizzla bħala arbitru f'kaz li jkun hemm xi kwistjoni dwar l-imsemmi self ta' flus.[101] Magħdud ma' dan, il-Qorti tara ukoll li l-ftehim tad-9 ta' Frar 2016 jitkellem b'mod partikolari fuq l-akkwist u x-xiri tal-vettura tat-tip Mitsubishi Truck bin-numru ta' reġistrazzjoni ABI-029.

Fi kwalunkwe kaz il-Qorti ma għandha l-ebda prova ta' x'sar minn dawn il-vetturi appena dawn ġew esportati barra minn Malta. Madanakollu, il-Qorti hija tal-fehma li tenut kont taċ-ċirkostanzi, kien ukoll diffiċli għall-attriċi sabiex takkwista tali prova, u kwazi kwazi temmen li kienet addirittura fl-impossibilita' li tagħmel dan. Fis-sentenza fl-ismijiet **Michelina Bezzina vs Julian Bezzina**,[102] fejn ġie ribadit illi: *"jinghad ukoll li likwidazzjoni fuq bazi ekwitattiva ghandha ssir meta jkun difficli li wiehed jistabilixxi precizament dak li huwa dovut lill-attur, u dan sabiex tista' ssir gustizzja f'kazijiet fejn ma jkunx possibbli li titressaq prova konkreta li tistabbilixxi bi precizjoni t-telf subit[103]".* Għaldaqstant, il-qorti qiegħda *arbitrio boni viri* tiffissa s-somma ta' €7,500 bħala sehem l-attriċi minn dawn il-vetturi, liema somma għandha titħallas lilha mill-konvenut.

Fir-rigward tal-vetturi ggaraxxjati, jidher illi skont ir-rappreżentant tat-Transport Malta hemm is-segwenti vetturi: (i) VW Transporter bin-numru ta' reġistrazzjoni EAO-552 reġistrata fuq isem il-konvenut u ggaraxxjata mit-23 ta' Mejju 2014,[104] (ii) Daihatsu Hi-Jet bin-numru ta' reġistrazzjoni DAE-715 reġistrata fuq isem il-konvenut u ggaraxjata mill-24 ta' Ġunju 2014,[105] (iii) tat-tip Ford Transit bin-

[98] Fol. 1058.
[99] *Ibid.*
[100] Fol. 1106.
[101] Fol. 1107.
[102] Deċiza mill-Qorti tal-Familja nhar it-28 ta' Ġunju 2018, mhux appellate (Rik. Ġur. Nru. 131/2013RGM).
[103] **Priscilla Cassar vs Robert Farrugia -** Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 15 ta' Lulju 2014.
[104] Fol. 891, 893.
[105] Fol. 891, 895.

numru ta' reġistrazzjoni LAU-247 reġistrata fuq isem il-konvenut u ggaraxxjata mill-5 ta' April 2011,[106] u (iv) tat-tip V Combi bin-numru ta' reġistrazzjoni DAA-671 reġistrata fuq isem il-konvenut u ggaraxxjata mis-26 ta' April 2011.[107] Fil-fehma tal-Qorti u in vista tal-fatt li lanqas Transport Malta ma jkollhom informazzjoni dwar l-imsemmija vetturi, fir-rigward ta' dawn il-vetturi, l-istess prinċipju surreferit għandu jappika, u b'hekk il-Qorti qiegħda *arbitrio boni viri* tiffissa s-somma ta' €6,000 bħala sehem l-attriċi minn dawn il-vetturi, liema somma għandha titħallas lilha mill-konvenut, filwaqt li l-vetturi għandhom jibqgħu reġistrati fuq isem il-konvenut.

Fir-rigward tal-mobbli kollha li jinsabu fid-dar matrimonjali ġewwa San Ġiljan, l-attriċi tallega illi *"qabel iz-zwieg l-appartament kien gja mghammar u kont gja lestejt il-kcina, dining room u l-bathrooms. Ommi xtratli l-kamra tas-sodda tat-tfal u qlajt ukoll il-gwardarobbi tal-main bedroom. Fiz-zwieg kull ma xtrajna kienet is-sodda tal-main bedroom, washing machine u sony television"*.[108] Minkejja tali allegazzjoni, il-Qorti tara illi l-attriċi ma ppruvat dak allegat minnha. Madanakollu, u in vista tal-fatt illi l-attriċi ser tibqa' tirrisjedi fid-dar matrimonjali, u kif ukoll illi z-zwieġ tal-partijiet tkisser minħabba l-adulterju kommess mill-konvenut, il-Qorti hija tal-fehma illi fiċ-ċirkostanzi jkun idoneju illi l-mobbli kollha jiġu assenjati lill-attriċi.

Fir-rigward tad-dar matrimonjali bl-indirizz *"16B, St. Julians Court, Triq Sur Fons, San Ġiljan"*, mill-kuntratt ezebit jirrizulta ċar li tali proprjeta' hija parafernali tal-attriċi. Madanakollu l-Qorti ma taqbilx mad-dikjarazzjoni tal-attriċi illi *"il-pagamenti lil bank ghamilthom dejjem jew bil-flus tal-paga tieghi kif ukoll bi flus li tatni ommi meta l-mama wirtet lil ommha"*.[109] Fl-ewwel lok il-Qorti tisħaq li kull pagament li sar versu s-self li l-attriċi għandha f'isimha mal-bank, sar permezz ta' flus li jappartjenu l-komunjoni tal-akkwisti u dan ai termini tal-Artikolu 1320 tal-Kodiċi Ċivili. Dak allegat mill-attriċi qatt ma jista' jkun vertier in vista tal-fatt li mal-mument taz-zwieġ beda jadopera r-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti u għaldaqstant dak gwadanjat mill-attriċi jew minn zewġha, kien jappartjeni lit-tnejn li huma fi kwoti ndaqs. Fit-tieni lok, il-Qorti tara li minkejja d-dikjarazzjoni tal-attriċi li ommha tatha s-somma ta' €7,213.83, permezz ta' liema somma l-attriċi ħallset wieħed mil-*loans* li kellha mal-Bank of

[106] Fol. 891, 897.
[107] Fol. 891, 906.
[108] Fol. 992.
[109] Fol. 992.

Valletta plc, mill-atti ma jidhirx li hemm prova rigward il-provenjenza taċ-ċifra in kwistjoni. Għalkemm jirrizulta minnu li l-attriċi ħallset din is-somma lill-Bank of Valletta plc nhar it-18 ta' April 2009, madanakollu l-i*statement* bankarju ma jippruvax illi din is-somma ġiet mogħtija lill-attriċi minn ommha. L-attriċi kellha kull opportunita' li tressaq ix-xhieda ta' ommha stess, jew rapprezentant tal-bank sabiex dan jiġi kkorraborat. B'hekk fin-nuqqas ta' tali prova, il-Qorti ma tistgħax tikkonsidra din is-somma bħala waħda parafernali.

B'hekk u fir-rigward tad-dar matrimonjali, il-Qorti tara li jezisti kreditu a favur l-konvenut għal sehemu li ġie mħallas għad-dar parafernali tal-attriċi li kienet isservi bħala d-dar matrimonjali tal-partijiet. Skont il-kalkoli ta' din il-Qorti, mid-data taz-zwieġ sal-prezent tħallset is-somma ta' madwar €61,795.69.[110] Madanakollu sabiex il-Qorti tiddetermina l-kreditu li għandu jiġi rifuz lura lill-konvenut, din il-Qorti ser tieħu konjizzjoni taċ-ċifra ta' €47,348.07 li tkopri s-somma mħallsa mill-partijiet mid-data taz-zwieġ sa Diċembru 2016, u dan in vista tar-responsabbilita' għat-tifrik taz-zwieġ li ġiet attribwita unikament lill-konvenut. B'hekk il-konvenut għandu jiġi rifuz nofs tali somma, ċjoe' €23,674.04, minn għand l-attriċi.

Fir-rigward tal-proprjeta' ġewwa n-Nigerja, il-kumpaniji bl-isem ta' *Trihills Technical and Trading Limited* u *Trihills Investment Ltd* li jinsabu rreġistrati ġewwa n-Niġerja, u kif ukoll il-kontijiet bankarji miftuħa ġewwa n-Nigerja, il-Qorti tara li sabiex tikkorrabora l-istess, l-attriċi tipprezenta: (i) dokument li juri r-reġistrazzjoni ta' zewġ kumpaniji,[111] (ii) kopja ta' kuntratt mhux awtentikat bejn Franklin C. Okafor u l-konvenut, għax-xiri ta' proprjeta ġewwa n-Niġerja,[112] (iii) kopja ta' dokument dwar l-*expenses* sabiex tinbena l-proprjeta' mixtrija.[113] Permezz ta' dawn il-kwistjonijiet, il-Qorti tara f'din il-kawza ta' separazzjoni hemm dak li jissejjaħ il-*foreign element*, mhux biss għaliex il-konvenut huwa ta'

[110] Il-Qorti waslet għal din iċ-ċifra skont is-segwenti: (i) fis-sena 2006 tħallset is-somma globali ta' €2176.89 (€311.62 a fol. 473, €121.17 a fol. 489, €1744.10 a fol. 477), (ii) fis-sena 2007 tħallset is-somma globali ta' €4634.22 (€544.91 a fol. 474, €211.76 a fol. 490, €3877.55 a fol. 478), (iii) fis-sena 2008 tħallset is-soma globali ta' €5745.42 (€562.44 a fol. 475, €1361.92 a fol. 491, €3821.06 a fol. 479), (iv) fis-sena 2009 tħallset is-somma globali ta' €12282.64 (€7387.03 a fol. 476, €1644.69 a fol. 492, €3250.92 a fol. 480), (v) fis-sena 2010 tħallset is-somma globali ta' €3170.80, a fol. 481, (vi) fis-sena 2011 tħallset is-somma globali ta' €2982.92, a fol. 482, (vii) fis-sena 2012 tħallset is-somma globali ta' €3288.56, a fol. 483, (ix) fis-sena 2013 tħallset is-somma globali ta' €3276.6, a fol. 484, (x) fis-sena 2014 tħallset is-somma globali ta' €3272.96, a fol. 485, (xi) fis-sena 2015 tħallset is-somma globali ta' €3260.63 a fol. 486, (xii) fis-sena 2016 tħallset is-somma globali ta' €3256.43, a fol. 487, (xiii) fis-sena 2017 tħallset is-somma globali ta' €3247.62, a fol. 488. Magħdud ma' dawn il-Qorti ħadet iċ-ċifra ta' €3200 għas-snin 2018, 2019 u 2020, filwaqt li s-somma ta' €1600 għal perjodu bejn Jannar u Ġunju 2021.

[111] Fol. 1018.

[112] Fol. 1036.

[113] Fol. 1043.

nazzjonalita' barranija izda għaliex ukoll il-patrimonju tal-partijiet, jikkonsisti *inter alia*, fi proprjeta' immobbli u mobbli kemm f'Malta u kif ukoll fin-Niġerja. Fil-kaz odjern il-Qorti Maltija għandha l-ġiurisdizzjoni u qiegħda tapplika l-*lex fori*.

Fid-dawl tal-patrimonju li jinsab ġewwa n-Niġerja, l-attriċi bħal donnha trid li din il-Qorti tagħti l-ġudizzju tagħha. Mill-atti jirrizulta ċar illi dan il-patrimonju ġewwa n-Niġerja ġie akkwistat matul iz-zwieġ bi flus formanti mill-komunjoni tal-akkwisti. Madanakollu l-Qorti ma hijiex tal-fehma illi hija tista' tmur oltre minn hekk fil-ġudizzju tagħha, anzi jeħtieġilha timxi b'kawtela. Fil-fatt fil-ktieb *Private International Law* ta' Cheshire, North & Fawcett (15th Edition), ġie stabbilit illi:

i. Fir-rigward ta' proprjeta' immobbli f'ġurisdizzjoni barranija jingħad illi *"An English Court has no jurisdiction to adjudicate upon the right of property in, or the right to possession of, foreign immovable, even though tehe parties may be resident or domiciled in England. The basis for this general rule is that controversies should be decided in the country of the situs of the property because the right of granting it was vested in that country's soverign power, and the maintenance of comity and the avoidance of conflict with foreign jurisdictions"*.[114] Dan l-insenjament ġie addottat mill-Qorti Maltija, fejn fis-sentenza fl-ismijiet **Anna Faniello sive Faniello Zammit vs Av Dr Renzo Porsella Flores et**,[115] fejn ġie mgħallem illi *"l-istess Qorti ma tarax kif tista' tapplika l-ligi ta' Malta fir-rigward ta' proprjeta` li tinsab barra minn Malta, fis-sens li huwa maghruf illi fir-rigward tal-immobbli tapplika normalment il-lex situs (ara per ezempju s-sentenzi **Soprunovskaja v. Bartolo noe**, 18 ta' Ottubru 2012 u **Xerri v. Sladden noe** 5 ta' Ottubru 2011, **Lanzon v. Cassar Galea** nomine 19 ta' Gunju 1951 – kollha tal-Prim'Awla u aktar dettaljatament **Margaret Attard v. Dr Ian Spiteri Bailey nomine**, 29 ta' April 2004 Qorti tal-Appell)"*;

ii. Fir-rigward ta' kumpaniji reġistrati f'ġurisdizzjoni barranija, jingħad illi: *"English courts are reluctant to intervene in the internal management of foreign companies (...). The composition and the powers of the various*

[114] Ara paġna numru 484.
[115] Deċiza nhar is-27 ta' Frar 2015 mill-Qorti tal-Appell (Rik. Nru. 1011/2002/2).

> *organs of the corporation are determined by the law of the place of incorporation of the corporation"*.[116] Il-Qorti tara li kumpaniji għandhom personalita' legali distinta li tkun ibbazata fuq il-liġi tal-pajjiz fejn ġiet reġistrata. Id-drittijiet li l-attriċi allegatament għandha huma tali li jaffettwaw l-*'internal management'* tal-kumpaniji *per se* u b'hekk il-Qorti ma tarx lok li tista tagħti l-ġudizzju tagħha.

Magħdud mal-premess, il-Qorti tenfasizza ukoll illi l-provi mressqa lilha rigward il-patrimonju li jinsab f'Nigerja huwa wieħed skars, u d-dokumenti mresqa ma humiex awtentikati hekk kif rikjest mil-liġi u b'hekk ma jikkostitwixxux prova. Il-Qorti tara ukoll illi ġialadarba għandha fis-seħħ dak l-msejjaħ *foreign element,* kien jinħtieġ ukoll li talinqas titressaq xhieda ta' espert dwar id-dritt barrani kkonċernat sabiex b'hekk il-Qorti tkun f'pozizzjoni li tifhem.

Fir-rigward tal-allegat dejn li ġie kuntrattat mill-konvenut, inkluz dak a favur missier l-attriċi, il-Qorti tgħid illi din hija kawza ta' separazzjoni limitata bejn il-partijiet, u b'hekk kwalsiasi talba għal restituzzjoni ta' flus minn terzi persuni għandha ssir permezz ta' azzjoni separata li fiha jkunu parti l-kredituri nfushom.

### 7. Zgumbrament mill-Proprjeta' Parafernali tal-Attriċi:

Fir-rigward tad-dar matrimonjali, huwa ppruvat permezz ta' kuntratt pubbliku u dikjarazzjonijiet ġuramentati mhux kontradetti, li d-dar matrimonjali tal-partijiet, u ċjoe' l-fond *"16B, St Julians Court, Triq Sur Fons, San Ġiljan"* hija proprjeta' parafernali ta' A B. Għaldaqstant il-Qorti filwaqt illi tiddikjara li l-imsemmi fond m'għandux iktar jitqies bħala d-dar matrimonjali tal-partijiet, il-Qorti tordna l-izgumbrament definittiv tal-konvenut mill-imsemmi fond, stante li tali fond huwa parafernali tal-attriċi.

Min-naħa l-oħra u fir-rigward tal-garaxx bl-indirizz "*LB1, Lowndes Park, Triq Alfred Gauci, San Ġiljan"*, l-attriċi tgħid li dan il-garaxx huwa proprjeta' parafernali tagħha. Madanakollu l-Qorti tara li ma tressqet l-ebda prova ta' dan u b'hekk ma tarax kif tista' tippronunzja ruħha dwar l-istess.

**DEĊIDE:**

[116] Ara paġna numru 1308.

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet stante li l-ħajja ta' bejn il-partijiet ma għadhiex iktar possibbli għaliex iz-zwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli, b'dana illi l-ħtija għat-tifrik taz-zwieġ hija attribwibbli unikament lill-konvenut; Il-Qorti qiegħda tindika li n-numru progressiv ta' reġistrazzjoni tal-Att taz-Zwieġ tal-partijiet huwa 856/2006, u konsegwentament tordna lir-Reġistratur tal-Qorti jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'din is-sentenza ta' separazzjoni personali fi zmien tletin (30) jum mil-lum;

2. Tilqa' it-tieni talba attriċi u tordna li l-kura u kustodja tal-minuri Jacob u Cristiana Sue, aħwa Ihebulu, għandha tiġi fdata esklussivament f'idejn l-attriċi fejn il-minuri għandhom ikomplu jgħixu magħha, b'dana illi l-istess attriċi tibda tieħu waħedha u mingħajr l-ebda kunsens tal-konvenut dawk id-deċizjonijiet kollha li jirrigwardaw il-minuri, u ċjoe' dawk id-deċizjonijiet ordinarji u kif ukoll dawk ta' natura iktar importanti, inkluz dawk ta' saħħa, edukazzjoni u safar, inkluz fir-rigward tal-applikazzjoni għal ħruġ u tiġdid tal-passaport tal-minuri, hekk kif dan għandu jsir mill-attriċi waħedha mingħajr ebda awtorizzazzjoni, kunsens u/jew firma tal-konvenut, fejn konsegwentament l-imsemmi passaport maħruġ fuq isem il-minuri għandu jinzamm fil-pussess tal-attriċi; *rebus sic stantibus* tipprjobixxi illi jsir aċċess b'mod fiziku bejn il-minuri u l-missier, madanakollu l-Qorti tara li l-minuri għandhom ikunu liberi li jekk iridu huma jikkomunikaw b'mod eletroniku ma' missierhom u jarawh b'mod virtwali, u dan tenut kont li fil-prezent il-minuri għandhom ħmistax (15) u tlettax-il (13) sena;

3. Tilqa' it-tielet talba attriċi u tordna lill-konvenut iħallas lil-attriċi s-somma globali ta' €55,550 bħala manteniment għall-minuri, filwaqt li kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluz *children allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attriċi għan-nom tal-minuri;

4. Tilqa' r-raba' talba attriċi u tiddkjara li l-attriċi għandha d-dritt li titlob manteniment minngħand il-konvenut f'kaz ta' tibdil fiċ-ċirkostanzi u ma tkunx f'pozizzjoni li tkompli tmantni lilha nnifisha;

5. Tilqa' l-ħames talba attriċi u tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kull jedd għall-manteniment minn għand l-attriċi;

6. Tilqa' s-sitt talba attriċi u tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-drittijiet kontemplati fl-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili;

7. Tilqa' is-sitt talba attriċi u tiddikjara xolta u termnata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet;

8. Tilqa' is-seba', l-għaxar u l-ħdax-il talba attriċi u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-paritjiet, b'dan illi d-divizjoni u l-assenjazzjoni għandha tkun skont il-provvediment tal-sitt (6) parti ta' din is-sentenza, u ċjoe' *'It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Divizjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali'*, u l-istess japplika fil-konfront tal-beni parafernali;

9. Tilqa' it-tmien talba attriċi u tordna lill-konvenut sabiex fi zmien xahar mid-data li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, huwa jizgombra definittivament mill-fond *'16B, St Julians Court, Triq Sur Fons, San Ġiljan'*;

10. Tiċħad id-disa' talba rigward l-izgombriment mill-garaxx *'LB1, Lowndes Park, Triq Alfred Gauci, San Giljan'*;

L-ispejjez tal-kawza għandhom ikunu sapportati kollha mill-konvenut.